2026/2518

13.11.2026

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, li jinsab fuq dan l-indirizz: https://unece.org/status-1958-agreement-and-annexed-regulations

Ir-Regolament Nru 173 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) - Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza, tas-sistemi tat-trażżin, tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal, tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX u tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size [2026/2518]

Jinkorpora t-test validu kollu sa:
Is-Supplement 2 tas-serje ta' emendi 01 — Data tad-dħul fis-seħħ: Jannar 2027 (tiġi kkomunikata)

Dan id-dokument huwa maħsub esklużivament bħala għodda ta' dokumentazzjoni. It-testi awtentiċi u legalment vinkolanti huma:

ECE/TRANS/WP.29/2024/152
ECE/TRANS/WP.29/2025/55
ECE/TRANS/WP.29/2025/47
ECE/TRANS/WP.29/2025/134
ECE/TRANS/WP.29/2026/71
WP.29-199-06
WP.29-199-10

WERREJ

Regolament

0. Introduzzjoni
1. Kamp ta' applikazzjoni
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Rekwiżiti li jikkonċernaw l-installazzjoni fil-vettura
6. Konformità tal-produzzjoni
7. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
8. Modifiki u estensjoni tal-approvazzjoni tal-vettura
9. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
10. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip
11. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Annessi

1. Komunikazzjoni
2. Arranġament tal-marka tal-approvazzjoni
3. Struzzjonijiet
4. Proċedura biex jiġu determinati l-punt "H" u l-angolu reali tat-torso għall-pożizzjonijiet bilqiegħda f'vetturi motorizzati

   Appendiċi 1: Deskrizzjoni tal-magna tridimensjonali għall-punt "H"

   Appendiċi 2: Sistema ta' referenza tridimensjonali

   Appendiċi 3: Data ta' referenza li tikkonċerna pożizzjonijiet bilqiegħda

5. Installazzjoni taċ-ċinturin tas-sikurezza li turi t-tipi ta' ċinturin u t-tipi ta' ritrattatur

6. Rekwiżiti għall-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza u tas-sistemi tat-trażżin għall-okkupanti adulti tal-vetturi motorizzati għat-triq fuq is-sits li jħarsu 'l quddiem, għall-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX u għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size

Appendiċi 1: Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal tal-kategorija "universali" installati bit-tagħmir taċ-ċinturin tas-sikurezza tal-vettura

Appendiċi 2: Dispożizzjonijiet dwar l-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li jħarsu 'l quddiem u li jħarsu lura tal-kategoriji universali u semiuniversali installati f'pożizzjonijiet ISOFIX jew i-Size

Appendiċi 3: Eżempju tal-informazzjoni dettaljata eż. għall-manifatturi tas-sistema tat-trażżin tat-tfal

Appendiċi 4: Installazzjoni ta' manikin ta' daqs ta' 10 snin

Appendiċi 5: Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal fuq booster seat li jħarsu 'l quddiem i-Size u ta' kategoriji speċifiċi installati f'pożizzjonijiet bilqiegħda fil-vettura jew pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size

7. Metodu tensili ta' ttestjar tal-assemblaġġ taċ-ċinga tal-bokkla

0. Introduzzjoni

0.1. Għall-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 173:

0.1.1. Matul it-tlieta u sebgħin sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sikurezza Passiva (GRSP) li saret f'Mejju 2023, ġie deċiż li r-Regolament tan-NU Nru 16 jinqasam fi tliet Regolamenti tan-NU:

(a) iċ-ċinturini tas-sikurezza u s-sistemi tat-trażżin (komponenti);

(b) iċ-ċinturini tas-sikurezza u l-installazzjoni tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal (vettura);

(c) it-tfakkiriet taċ-ċinturin tas-sikurezza (vettura).

0.1.2. Dan ir-Regolament tan-NU jikkonsisti fir-rekwiżiti speċifiċi u fil-proċess tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward taċ-ċinturini tas-sikurezza u tal-installazzjoni tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal. Ir-rekwiżiti huma derivati mir-Regolament tan-NU Nru 16 kif emendat mis-serje ta' emendi 09.

0.2. Għas-serje ta' emendi 01:

0.2.1. Normalment, il-mogħdijiet taċ-ċinga bejn l-ankraġġ effettiv taċ-ċinturin tas-sikurezza u l-bokkla jkunu dritti bħall-bank tat-test speċifikat fir-Regolament tan-NU Nru 129. Madankollu, il-mogħdijiet taċ-ċinga bejn l-ankraġġ effettiv taċ-ċinturin u l-bokkla ta' xi vetturi fis-suq ma humiex dritti u huma għat-tond tul il-kuxxin.

0.2.2. Meta l-mogħdijiet taċ-ċinga bejn l-ankraġġ effettiv taċ-ċinturin u l-bokkla ma jkunux dritti, l-okkupanti jistgħu jinteſgħu 'l quddiem b'mod sinifikanti f'aċċident ta' impatt frontali. Jekk okkupant ikun bilqiegħda fil-booster seat imwaħħal b'ISOFIX, hemm każijiet fejn iċ-ċinturin tas-sikurezza se jiżloq sal-għonq, u t-tfal jistgħu jiżżerżqu 'l isfel. Dan iżid ir-riskju ta' korriment fl-għonq u fl-addome ta' okkupanti tfal. Barra minn hekk, il-korriment fis-sider tal-manikin jiżdied.

0.2.3. Dawn l-emendi jtaffu l-effetti negattivi fuq is-sikurezza tal-okkupanti billi jillimitaw il-laxkezza taċ-ċinturin tal-bokkla.

0.3. Għas-suppliment 1 tas-serje ta' emendi 01:

0.3.1. It-tneħħija tal-formulazzjoni "vettura speċifika" peress li t-tip ta' trażżin għat-tfal huwa definit fir-regolament rispettiv. Bil-formulazzjoni tal-kliem attwali jeżisti kunflitt.

0.3.2. Iż-żieda ta' referenza għar-Regolament tan-NU Nru 129 peress li d-dettalji tal-ankraġġi ISOFIX jingħataw ukoll fir-Regolament tan-NU Nru 129.

0.3.3. It-tneħħija ta' formulazzjoni ta' kliem skorretta fil-paragrafu 4.7.

0.4. Għas-suppliment 2 tas-serje ta' emendi 01:

0.4.1. Ir-Regolament huwa emendat biex iqis il-vetturi tal-kategorija X ([1]). Il-vetturi tal-kategorija Y^1 ma humiex fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

0.4.2. Oriġinarjament, ir-regolament ġie abbozzat għal vetturi b'sewwieq u b'kontrolli tas-sewqan manwali, u l-intenzjoni ta' din l-emenda hija li żżomm l-ispirtu tar-regolament u li testendi l-applikazzjoni tiegħu għal vetturi mingħajr sewwieq u mingħajr kontrolli tas-sewqan manwali. Fin-nuqqas ta' sewwieq jew ta' kontrolli tas-sewqan manwali, id-dispożizzjonijiet relatati magħhom ma għandhomx jitqiesu jekk ma jkunux diġà koperti minn din l-emenda.

0.4.3. F'każ ta' vetturi mgħammra b'Sistema ta' Sewqan Awtomatizzata (ADS)[1] għajr vetturi tal-kategorija X, l-ebda dispożizzjoni jew eżenzjoni speċjali ma tapplika fil-modalità tas-sewqan manwali. F'modalità fejn karatteristika tal-ADS tkun attiva, japplikaw ir-rekwiżiti rilevanti tal-ADS.

1. Kamp ta' applikazzjoni

1.1. Dan ir-Regolament japplika:

(a) Vetturi tal-kategoriji M, N, O, L_2, L_4, L_5, L_6, L_7 u T^1, fir-rigward tal-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza u s-sistemi tat-trażżin li huma maħsuba għal użu separat, jiġifieri, bħala fittings individwali, minn persuni b'daqs ta' adulti li jokkupaw is-sits li jħarsu 'l quddiem, is-sits li jħarsu lura u dawk li jħarsu 'l la ġenba;

(b) Vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1[1] fir-rigward tal-installazzjoni tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal u tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX.

(c) Fuq it-talba tal-manifattur, japplika wkoll għall-installazzjoni tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal u tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX dežinjati biex jiġu installati f'vetturi tal-kategoriji M_2 u M_3.[1]

(d) Fuq it-talba tal-manifattur, japplika wkoll għall-installazzjoni tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size, fil-każ li pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size jiġu ddefiniti mill-manifattur tal-vettura.

1.2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal vetturi tal-kategorija Y.

2. Definizzjonijiet

2.1. *"Ċinturin tas-sikurezza (ċinturin tas-sit ,ċinturin)"* tfisser arranġament ta' ċineg b'bokkla li torbot, b'apparati għall-aġġustament u b'konnessjonijiet li jista' jiġi ankrat mal-ġewwieni ta' vettura awtopropulsiva għat-triq u li huwa maħsub biex inaqqas ir-riskju ta' korriment għal min jilbsu, fil-każ ta' kolliżjoni jew ta' deċellerazzjoni f'daqqa tal-vettura, billi jillimita l-mobbiltà tal-ġisem ta' min jilbsu. Arranġament ta' din ix-xorta ġeneralment jissejjaħ "assemblaġġ ta' ċinturin", u dan it-terminu jkopri wkoll kwalunkwe apparat biex tkun assorbita l-enerġija jew biex jinġibed lura ċ-ċinturin.

L-arranġament jista' jiġi ttestjat u approvat bħala arranġament ta' ċinturin tas-sikurezza jew bħala sistema tat-trażżin skont ir-Regolament tan-NU Nru 16.

2.1.1. "*Ċinturin ta' fuq il-ħoġor*" tfisser ċinturin b'żewġ punti li jgħaddi minn naħa għall-oħra ta' quddiem ir-reġjun tal-pelvi ta' min jilbsu.

2.1.2. *"Ċinturin dijagonali"* tfisser ċinturin li jgħaddi b'mod dijagonali minn quddiem is-sider, mill-ġenbejn għall-ispalla opposta.

2.1.3. "*Ċinturin ta' tliet punti*" tfisser ċinturin li huwa essenzjalment kombinazzjoni ta' ċinga ta' fuq il-ħoġor u ċinga dijagonali.

([1]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.8 - https://unece.org/transport/vehicle-regulations/wp29/resolutions.

2.1.4. *"Ċinturin tat-tip S"* tfisser arranġament ta' ċinturin li ma huwiex ċinturin bi tliet punti ta' jew ċinturin ta' fuq il-ħoġor.

2.1.5. *"Ċinturin harness"* tfisser arranġament ta' ċinturin tat-tip S li jinkludi ċinturin ta' fuq il-ħoġor u ċineg tal-ispalla; ċinturin arness jista' jkun mgħammar b'assemblaġġ ta' ċinga ta' bejn il-koxox addizzjonali.

2.2. *"Ċinga"* tfisser komponent flessibbli maħsub biex iżomm il-ġisem u biex jittrażmetti l-forzi lill-ankraġġi taċ-ċinturin.

2.3. *"Bokkla"* tfisser apparat li jista' jinfetaħ malajr li jippermetti lil min jilbsu jinżamm miċ-ċinturin. Il-bokkla tista' tinkorpora l-apparat għall-aġġustament, ħlief fil-każ ta' bokkla ta' ċinturin arness.

2.4. *"Apparat għall-aġġustament taċ-ċinturin"* tfisser apparat li jippermetti li ċ-ċinturin jiġi aġġustat skont ir-rekwiżiti ta' min qiegħed jilbsu individwalment u skont il-pożizzjoni tas-sit. L-apparat għall-aġġustament jista' jkun parti mill-bokkla, jew minn ritrattatur, jew minn kwalunkwe parti oħra taċ-ċinturin tas-sikurezza.

2.5. *"Apparat għat-tagħbija minn qabel"* tfisser apparat addizzjonali jew integrat li jissikka ċ-ċineg taċ-ċinturin tas-sikurezza sabiex titnaqqas il-laxkezza taċ-ċinturin matul is-sekwenza tal-ħbit.

2.6. "*Żona ta' referenza*" tfisser l-ispazju bejn żewġ pjani longitudinali vertikali, 400 mm 'il bogħod minn xulxin u simmetriċi fir-rigward tal-punt H, u ddefinit mir-rotazzjoni mill-vertikali għall-orizzontali tal-apparat tal-forma tar-ras, deskritt fl-Anness 1 tar-Regolament tan-NU Nru. 21. L-apparat għandu jiġi ppożizzjonat kif ġie deskritt f'dak l-Anness għar-Regolament tan-NU Nru. 21 u ssettjat għat-tul massimu ta' 840 mm.

2.7. "*Assemblaġġ tal-airbag*" tfisser apparat installat biex jissuplimenta liċ-ċinturini tas-sikurezza u lis-sistemi ta' trażżin f'vetturi motorizzati għat-triq, jiġifieri sistema li, fil-każ ta' impatt qawwi li jaffettwa lill-vettura, tattiva awtomatikament il-ftuħ ta' struttura flessibbli maħsuba biex tillimita, permezz tal-kompressjoni tal-gass li jinsab fiha, is-serjetà tal-kuntatti ta' parti waħda jew aktar mill-ġisem ta' okkupant tal-vettura mal-ġewwieni tal-kompartiment tal-passiġġieri. Kwalunkwe struttura deskritta b'dan il-mod ma għandhiex titqies bħala parti riġida.

2.8. "*Airbag tal-passiġġier*" tfisser assemblaġġ ta' airbag maħsub għall-protezzjoni tal-okkupant(i) fis-sits kollha apparti dak tas-sewwieq fil-każ ta' kolliżjoni frontali.

2.9. *"Trażżin għat-tfal"* tfisser apparat tas-sikurezza kif definit fir-Regolament tan-NU Nru 44 jew fir-Regolament tan-NU Nru 129.

2.10. "*Li jħares lura*" tfisser li jħares fid-direzzjoni opposta għad-direzzjoni normali tal-mixi tal-vettura.

2.11. *"Konnessjonijiet"* tfisser partijiet mill-assemblaġġ taċ-ċinturin inklużi l-komponenti meħtieġa għall-irbit, li jippermettulha tintrabat mal-ankraġġi taċ-ċinturin.

2.12. *"Ritrattur"* tfisser apparat li jakkomoda parti miċ-ċinga jew iċ-ċinga kollha ta' ċinturin tas-sikurezza.

2.12.1. *"Ritrattur li ma jillokkjax (tip 1)"* tfisser ritrattur li minnu tinħareġ iċ-ċinga għat-tul kollu tagħha permezz ta' forza esterna ċkejkna u li ma jipprovdi l-ebda aġġustament għat-tul taċ-ċinga maħruġa.

2.12.2. *"Ritrattur li jinfetaħ manwalment (tip 2)"* tfisser ritrattur li għandu bżonn l-operazzjoni manwali ta' apparat mill-utent sabiex jiftaħ ir-ritrattur sabiex jikseb l-estrazzjoni mixtieqa taċ-ċinga u li jinqafel awtomatikament meta dik l-operazzjoni tieqaf.

2.12.3. *"Ritrattur li jillokkja awtomatikament (tip 3)"* tfisser ritrattur li jippermetti l-estrazzjoni taċ-ċinga għat-tul mixtieq u li, meta l-bokkla tkun maqfula, awtomatikament jaġġusta ċ-ċinga għal min jilbisha. Iċ-ċinga ma titħalliex toħroġ aktar minn għajr l-intervent volontarju ta' min jilbisha.

2.12.4. *"Ritrattur li jillokkja f'emerġenza (tip 4)"* tfisser ritrattur li f'kundizzjonijiet ta' sewqan normali ma jillimitax il-libertà tal-moviment ta' min jilbes iċ-ċinturin tas-sikurezza. Apparat ta' din ix-xorta għandu komponenti li awtomatikament jaġġustaw it-tul taċ-ċinga għal min jilbisha u mekkaniżmu li jillokkja li jiġi attivat f'emerġenza permezz ta':

2.12.4.1. Deċellerazzjoni tal-vettura (sensittività waħda).

2.12.4.2. Kombinazzjoni tad-deċellerazzjoni tal-vettura, il-moviment taċ-ċineg jew kwalunwke mezz awtomatiku ieħor (sensittività multipla).

2.12.5. *"Ritrattur li jillokkja f'emerġenza b'limitu ta' rispons aktar għoli" (tip 4N)"* tfisser ritrattur tat-tip definit fil-paragrafu 2.12.4., iżda li għandu karatteristiċi speċjali fir-rigward tal-użu tiegħu f'vetturi tal-kategoriji M_2, M_3, N_1, N_2 u N_3 ([2]).

2.12.6. "*Apparat tal-aġġustament taċ-ċinturin għat-tul"* tfisser apparat li jippermetti li jiġi aġġustat l-għoli tal-ħolqa tal-pilastru ta' fuq (konnessa direttament mal-vettura jew mal-istruttura riġida tas-sit) ta' ċinturin skont ir-rekwiżiti ta' min individwalment jilbsu u l-pożizzjoni tas-sit. Apparat ta' din ix-xorta jista' jitqies bħala parti miċ-ċinturin jew bħala parti mill-ankraġġ taċ-ċinturin.

2.12.7. "*Apparat għall-aġġustament tal-ispalla flessibbli fir-rigward tal-għoli"* tfisser apparat għall-aġġustament għall-għoli tal-ispalla ta' min individwalment jilbsu, fejn il-parti tal-aġġustament ma hijiex imwaħħla direttament mal-kostruzzjoni tal-vettura (eż. pilastru) jew mal-kostruzzjoni tas-sit (eż. l-istruttura riġida tas-sit), iżda fejn l-aġġustament tal-parti tal-ispalla:

(a) Isir permezz ta' spostament fuq struttura flessibbli; and

(b) Ma jinterferixxix mal-mogħdija taċ-ċinturin tal-ħoġor.

2.13. "*Ankraġġi taċ-ċinturin"* tfisser il-partijiet tal-istruttura tal-vettura jew tal-istruttura tas-sit jew kwalunkwe parti oħra tal-vettura li magħha huma mwaħħlin l-assemblaġġi taċ-ċinturin tas-sigurtà.

2.14. *"Tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza, sistemi tat-trażżin, sistemi tat-trażżin għat-tfal, sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX u sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size"* tfisser kategorija ta' vetturi motorizzati għat-triq li ma jvarjawx f'tali aspetti essenzjali bħad-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali tal-komponenti tal-istruttura tal-vettura jew tal-istruttura tas-sit jew kwalunkwe parti oħra tal-vettura li magħha huma mwaħħla ċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin. u l-ankraġġi ISOFIX.

2.15. *"Sistema tat-trażżin"* tfisser sistema għal tip speċifiku ta' vettura jew għal tip definit mill-manifattur tal-vettura u approvat mis-Servizz Tekniku li tikkonsisti f'sit u f'ċinturin marbutin mal-vettura permezz ta' mezzi xierqa u barra minn hekk tikkonsisti mill-elementi kollha li huma previsti biex jitnaqqas ir-riskju ta' korriment għal min jilbsu, fil-każ ta' deċellerazzjoni f'daqqa tal-vettura, billi tiġi limitata l-mobbilità tal-ġisem ta' min jilbsu.

2.16. "*Sit*" tfisser struttura li tista' tkun jew tista' ma tkunx integrali mal-istruttura tal-vettura, kompluta bit-tapizzerija, maħsuba biex toqgħod bilqiegħda fuqha persuna adulta waħda. It-terminu jkopri kemm sit individwali kif ukoll parti minn sit f'forma ta' bank maħsub sabiex jakkomoda persuna waħda.

2.16.1. "*Sit ta' quddiem għall-passiġġieri*" tfisser kwalunkwe sit fejn il-"punt H l-aktar 'il quddiem" tas-sit konċernat jinsab fi jew quddiem il-pjan trażversali vertikali li jgħaddi mill-punt R tas-sewwieq. Għall-vetturi tal-kategorija X, il-punt "R" tas-sit tal-passiġġieri l-aktar 'il quddiem għandu jittieħed minflok il-punt R tas-sit tas-sewwieq.

2.16.2. "*Sit li jħares 'il quddiem*" tfisser sit li jista' jintuża waqt li l-vettura tkun miexja u li jħares lejn il-parti ta' quddiem tal-vettura b'mod li l-pjan vertikali ta' simetrija tas-sit jifforma angolu ta' inqas minn + 10° jew – 10° mal-pjan vertikali ta' simetrija tal-vettura.

([2]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.8 - https://unece.org/transport/vehicle-regulations/wp29/resolutions.

2.16.3. "*Sit li jħares lura*" tfisser sit li jista' jintuża waqt li l-vettura tkun miexja u li jħares lejn il-parti ta' wara tal-vettura b'mod li l-pjan vertikali ta' simetrija tas-sit jifforma angolu ta' inqas minn + 10° jew – 10° mal-pjan vertikali ta' simetrija tal-vettura.

2.16.4. "*Sit li jħares 'il la ġenba*" tfisser sit li jista' jintuża waqt li l-vettura tkun miexja u li jħares lejn il-parti tal-ġenb tal-vettura b'mod li l-pjan vertikali tas-simetrija tas-sit jifforma angolu ta' 90° (± 10°) mal-pjan vertikali ta' simetrija tal-vettura.

2.17. *"Grupp ta' sits"* tfisser jew tip ta' sit f'forma ta' bank jew sits li huma separati iżda ħdejn xulxin (jiġifieri mwaħħla b'tali mod li l-ankraġġi tas-sit ta' quddiem ta' wieħed minn dawn is-sits ikunu konformi man-naħa ta' quddiem tal-ankraġġi ta' wara tal-ieħor jew bejn l-ankraġġi tas-sit l-ieħor) u jakkomodaw persuna adulta bilqiegħda waħda jew aktar.

2.18. "*Sit f'forma ta' bank*" tfisser struttura kompluta bit-tapizzerija, maħsuba biex fuqha jpoġġu aktar minn persuna adulta waħda.

2.19. *"Sistema ta' aġġustament tas-sit"* tfisser l-apparat komplut li bih is-sit jew il-partijiet tiegħu jkunu jistgħu jiġu aġġustati għal pożizzjoni adatta għall-morfoloġija tal-okkupant li jkun hemm bilqiegħda; b'mod partikolari, dan l-apparat jista' jippermetti:

2.19.1. Spostament lonġitudinali;

2.19.2. Spostament vertikali;

2.19.3. Spostament angolari.

2.20. "*Ankraġġ tas-sit*" tfisser is-sistema, inklużi l-partijiet affettwati tal-istruttura tal-vettura, li permezz tagħha l-assemblaġġ tas-sit jitwaħħal mal-istruttura tal-vettura.

2.21. "*Tip ta' sit*" tfisser kategorija ta' sits li ma jvarjawx f'tali aspetti essenzjali bħal:

2.21.1. Il-forma, id-dimensjonijiet u l-materjali tal-istruttura tas-sit;

2.21.2. It-tipi u d-dimensjonijiet tas-sistemi ta' aġġustament tal-lokk tas-sit u tal-illokkjar tas-sit;

2.21.3. It-tip u d-dimensjonijiet tal-ankraġġ taċ-ċinturin fuq is-sit, tal-ankraġġ tas-sit, u tal-partijiet rilevanti tal-istruttura tal-vettura.

2.22. *"Sistema ta' spostament tas-sit"* tfisser apparat li jippermetti lis-sit jew lil waħda mill-partijiet tiegħu jiġu spostati b'mod angulari jew lonġitudinali, mingħajr pożizzjoni intermedjarja fissa (sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-passiġġieri).

2.23. *"Sistema ta' lokkjar tas-sit"* tfisser apparat li jiżgura li s-sit u l-partijiet tiegħu jkunu miżmuma fi kwalunkwe pożizzjoni tal-użu.

2.24. *"Apparat li jnaqqas it-tensjoni"* tfisser apparat li huwa inkorporat fir-ritrattur u li jnaqqas it-tensjoni taċ-ċinga awtomatikament meta jinqafel iċ-ċinturin tas-sikurezza. Meta jinħall, dan l-apparat jintefa awtomatikament.

2.25. "*ISOFIX*" hija sistema għall-konnessjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ma' vettura, li għandha ankraġġi riġidi fil-vettura, żewġ konnessjonijiet riġidi korrispondenti fuq is-sistema tat-trażżin għat-tfal, u mezz biex tiġi limitata l-pitch tar-rotazzjoni trażversali tas-sistema tat-trażżin għat-tfal.

2.26. "*Sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX*" tfisser sistema tat-trażżin għat-tfal, li tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 44 jew ir-Regolament tan-NU Nru 129, li għandha tintrabat ma' sistema ta' ankraġġi ISOFIX, li tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 14 jew tar-Regolament tan-NU Nru 145.

2.27. "*Pożizzjoni ISOFIX*" tfisser sistema li tippermetti li jiġu installati:

(a) Jew sistema tat-trażżin għat-tfal universali ISOFIX li tħares 'il quddiem kif definita fir-Regolament tan-NU Nru 44;

(b) Jew sistema tat-trażżin għat-tfal semiuniversali ISOFIX li tħares 'il quddiem kif definita fir-Regolament tan-NU Nru 44;

(c) Jew sistema tat-trażżin għat-tfal semiuniversali ISOFIX li tħares lura kif definita fir-Regolament tan-NU Nru 44;

(d) Jew sistema tat-trażżin għat-tfal semiuniversali ISOFIX f'pożizzjoni li tħares la ġenba kif definita fir-Regolament tan-NU Nru 44;

(e) Jew sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX għal vettura speċifika kif definita fir-Regolament tan-NU Nru 44;

(f) Jew sistema tat-trażżin għat-tfal i-Size kif definita fir-Regolament tan-NU Nru 129;

(g) Jew sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX għal vettura speċifika kif definita fir-Regolament tan-NU Nru 129.

2.28. "*Sistema ta' Ankraġġi ISOFIX*" tfisser sistema magħmula minn żewġ ankraġġi baxxi ISOFIX, li tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 14 jew ir-Regolament tan-NU Nru 145, u li hija ddisinjata għall-irbit ta' sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX flimklien ma' apparat antirotazzjoni.

2.29. "*Ankraġġ baxx ISOFIX*" tfisser żbarra orizzontali tonda u riġida b'dijametru ta' 6 mm, li testendi mill-istruttura tal-vettura jew tas-sit sabiex taċċetta u trażżan Sistema tat-Trażżin għat-Tfal ISOFIX mgħammra b'konnessjonijiet ISOFIX.

2.30. "*Apparat antirotazzjoni*"

(a) Apparat antirotazzjoni għal sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX universali jikkonsisti mill-irbit ta' fuq ISOFIX;

(b) Apparat antirotazzjoni għal sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX semiuniversali li tikkonsisti minn irbit ta' fuq, id-daxxbord tal-vettura jew riġel ta' appoġġ maħsuba biex jillimitaw ir-rotazzjoni tat-trażżin waqt impatt frontali;

(c) Apparat antirotazzjoni għal Sistema tat-Trażżin għat-Tfal Imtejba i-Size jikkonsisti jew minn irbit ta' fuq, jew minn riġel ta' appoġġ maħsub biex jillimita r-rotazzjoni tat-trażżin waqt impatt frontali;

(d) Apparat antirotazzjoni għal Sistema tat-Trażżin għat-Tfal (Imtejba) għal "vetturi speċifiċi" jista' jinkludi ċinga tal-irbit ta' fuq, riġel ta' appoġġ, ċinga/ċineg tal-irbit ta' isfel, jew kwalunkwe mezz ieħor li jista' jillimita r-rotazzjoni;

(e) Għal Sistemi (Imtejba) tat-Trażżin għat-Tfal ISOFIX, i-Size, universali u semiuniversali, is-sit tal-vettura nnifsu ma jikkostitwix apparat antirotazzjoni.

2.31. "*Ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX*" tfisser tagħmir li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 14 jew tar-Regolament tan-NU Nru 145, bħal pereżempju żbarra, li jkun f'żona definita u disinjat biex jilqa' l-konnettur taċ-ċinga tal-irbit ta' fuq ISOFIX u jittrasferixxi l-forza tat-trażżin tagħha għal fuq l-istruttura tal-vettura.

2.32. "*Apparat ta' gwida*" huwa maħsub biex jgħin lill-persuna li tinstalla s-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX billi jiggwida fiżikament il-konnessjonijiet ISOFIX f'allinjament korrett mal-ankraġġi baxx ISOFIX sabiex jitħaffef l-agganċ.

2.33. "*Marking fixture tal-ISOFIX*" tfisser xi ħaġa li tinforma lil xi ħadd li jixtieq jinstalla sistema tat-trażżin tat-tfal ISOFIX bil-pożizzjonijiet ISOFIX fil-vettura u l-pożizzjoni ta' kull sistema ta' ankraġġ ISOFIX korrispondenti.

2.34. "*Fixture tat-trażżin għat-tfal (CRF)*" tfisser fixture skont waħda mill-fixtures ISOFIX definiti fil-paragrafu 4 tal-Anness 6 - l-Appendiċi 2 ta' dan ir-Regolament, u partikolarment li d-dimensjonijiet tagħha jingħataw mill-Illustrazzjoni 1 sal-Illustrazzjoni 8 fil-paragrafu 4 msemmi qabel. Dawk il-fixtures tat-trażżin għat-tfal (CRF) jintużaw, f'dan ir-Regolament, biex jiġu ċċekkjati liema huma l-klassijiet tal-enveloppi tad-daqs tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX imsemmija fir-Regolament tan-NU Nru. 44 jew fir-Regolament tan-NU Nru. 129 li jistgħu jiġu akkomodati fil-pożizzjonijiet ISOFIX tal-vettura. Barra minn hekk, wieħed mis-CRF, l-hekk imsejjaħ ISO/F2, li huwa deskritt fl-Illustrazzjoni 2 tal-paragrafu 4 msemmi qabel, jintuża fir-Regolament tan-NU Nru 14 jew ir-Regolament tan-NU Nru. 145 biex jiġu ċċekkjati l-pożizzjonament u l-possibbiltà ta' aċċess għal kwalunkwe sistema ta' ankraġġi ISOFIX.

Inkella fixture, bħal waħda miż-żewġ fixtures għal "booster seat" definiti fl-Anness 6, l-Appendiċi 5 ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari li d-dimensjonijiet tagħha jingħataw fl-Illustrazzjonijiet 2 u 3 tal-Anness 6, l-Appendiċi 5. Dawn il-fixtures jintużaw, f'dan ir-Regolament, biex jiġu ċċekkjati liema huma l-enveloppi tad-daqs tal-booster seat imsemmija fir-Regolament tan-NU Nru. 129 li jistgħu jiġu akkomodati fil-pożizzjonijiet bilqiegħda tal-vettura, jekk hemm.

2.35. "*Volum ta' valutazzjoni għall-istallazzjoni ta' riġel ta' appoġġ i-Size*" tfisser volum, li jiżgura l-kompatibbiltà dimensjonali u ġeometrika tar-riġel ta' appoġġ ta' sistema tat-trażżin għat-tfal i-Size u ta' pożizzjoni bilqiegħda i-Size ta' vettura.

2.36. "*Pożizzjoni bilqiegħda i-Size*" tfisser pożizzjoni bilqiegħda, jekk rilevanti, definita mill-manifattur tal-vettura, li tkun iddisinjata biex takkomoda sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size, kif definiti fir-Regolament tan-NU Nru 129, u li tissodisfa r-rekwiżiti definiti f'dan ir-Regolament.

2.37. "*Ankraġġ tal-irbit ta' isfel (LTA)*": ankraġġ fuq il-korsa tas-sit tal-vettura, jew fuq jew qrib tal-art tal-vettura li magħha tista' titwaħħal jew tiġi integrata bracket tal-irbit ta' isfel. Il-bracket tal-irbit ta' isfel tista' tkun parti mill-approvazzjoni tal-vettura jew anki le.

2.38. "*Irbit ta' isfel*": tip ta' apparat antirotazzjoni maħsub biex jirrestrinġi r-rotazzjoni lura ta' (E)CRS li tħares lura.

2.39. "*Ċinga tal-irbit ta' isfel*": ċinga (jew ekwivalenti) li testendi minn wara (E)CRS ta' Vettura Speċifika sal-ankraġġ tal-irbit ta' isfel fil-vettura u li tkun mgħammra b'apparat ta' aġġustament, b'apparat li jnaqqas it-tensjoni u b'konnettur tal-irbit ta' isfel.

2.40. "*Konnettur tal-irbit ta' isfel*" tfisser apparat maħsub biex jitwaħħal ma' bracket tal-irbit ta' isfel.

2.41. "*Ganċ tal-irbit ta' isfel*" tfisser konnettur li tipikament jintuża biex titwaħħal ċinga tal-irbit ta' isfel ma' bracket tal-irbit ta' isfel u li huwa l-istess u li għandu l-istess dimensjonijiet bħall-ganċ tal-irbit ta' fuq ISOFIX kif definit fl-illustrazzjoni 3 tal-Anness 4 tar-Regolament tan-NU Nru 145.

2.42. "*Bracket tal-irbit ta' isfel*" tfisser il-bracket li tkun imwaħħla jew integrata mal-ankraġġ tal-irbit ta' isfel.

2.43. "*Bracket ġeneriku tal-irbit ta' isfel*" tfisser il-bracket ġeneriku pprovdut mill-manifattur tal-ECRS flimkien mal-ECRS, li għandu jitqabbad mal-LTA kif indikat mill-manifattur tal-vettura.

2.44. "*Ankraġġ effettiv taċ-ċinturin (EA)*" tfisser il-punt li jintuża biex jiġi determinat, b'mod konvenzjonali, kif speċifikat fil-paragrafu 5.4. tar-Regolament Nru 14, l-angolu ta' kull parti taċ-ċinturin tas-sikurezza fir-rigward ta' min jilbsu, jiġifieri, il-punt li miegħu jkollha tintrabat ċinga biex ikollha l-istess qagħda bħala l-qagħda maħsuba taċ-ċinturin meta jintlibes, u li jista' jkun jew jista' ma jkunx l-ankraġġ reali taċ-ċinturin, skont il-konfigurazzjoni tal-komponenti taċ-ċinturin tas-sikurezza fil-punt tal-irbit mal-ankraġġ taċ-ċinturin.

2.45. "*Punt tal-bokkla*" tfisser il-punt ċentrali tal-parti ta' konnessjoni bejn il-bokkla u ċ-ċinga tal-bokkla.

2.46. "*Punt Bd*" tfisser il-pożizzjoni tal-punt tal-bokkla meta l-okkupant (manikin Hybrid III b'dimensjonijiet ta' raġel tal-ħamsin perċentili jew manikin Hybrid III b'dimensjonijiet ta' mara tal-ħames perċentili, skont id-diskrezzjoni tal-manifattur) jinżamm fir-rotta tad-disinn taċ-ċinturin tas-sikurezza.

2.47. "*Tul taċ-ċinga*" tfisser it-tul tul il-linja ċentrali tas-superfiċe taċ-ċinga tal-bokkla.

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza, tas-sistemi tat-trażżin, tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX, tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size, għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Iskeda 3 tal-Ftehim (E/ECE/TRANS/505/Rev.3).

3.2. Għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmija hawn taħt u mid-dettalji li ġejjin:

3.2.1. Disinji tal-istruttura ġenerali tal-vettura fuq skala xierqa, li juru l-pożizzjonijiet taċ-ċinturini tas-sikurezza u tal-ankraġġi ISOFIX, u disinji dettaljati taċ-ċinturini tas-sikurezza u tal-ankraġġi ISOFIX u tal-punti li magħhom huma mwaħħlin;

3.2.2. Speċifikazzjoni tal-materjali użati li jistgħu jaffettwaw is-saħħa taċ-ċinturini tas-sikurezza;

3.2.3. Deskrizzjoni teknika taċ-ċinturini tas-sikurezza;

3.2.4. Fil-każ ta' ċinturini tas-sikurezza mwaħħla mal-istruttura tas-sit:

3.2.4.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-disinn tas-sits, tal-ankraġġi tas-sits u tas-sistemi tal-aġġustament u tal-lokkjar tagħhom;

3.2.4.2. Disinji, skont skala adatta u b'dettall suffiċjenti, tas-sits, tal-ankraġġi tagħhom mal-vettura, u tas-sistemi tal-aġġustament u tal-lokkjar tagħhom;

3.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata, inkluż il-manwal ta' sid il-vettura, għandu jiġi sottomess lis-Servizz Tekniku.

4. Approvazzjoni

4.1. Jekk il-vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament tan-NU, għandha tingħata l-approvazzjoni ta' dak it-tip ta' vettura.

4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat skont l-Iskeda 4 tal-Ftehim (E/ECE/TRANS/505/Rev.3).

4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew tar-rifjut jew tal-irtirar tal-approvazzjoni jew ta' produzzjoni mwaqqfa għalkollox ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli kif speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:

4.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([3]);

4.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni, fuq il-lemin taċ-ċirku kif preskritt fil-paragrafu 4.4.1. ta' hawn fuq.

4.5. Jekk il-vettura tkun konformi ma' tip ta' vettura approvat skont Regolamenti oħra annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 ma għandux għalfejn jiġi ripetut; f'każ bħal dan, ir-Regolament u n-numri u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonthom ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun leġġibbli sew u indellibbli.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-pjanċa tad-data tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.

4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempju ta' arranġament tal-marka tal-approvazzjoni.

5. Rekwiżiti li jikkonċernaw l-installazzjoni fil- vettura

5.1. Tagħmir taċ-ċinturin tas-sikurezza u s-sistemi tat-trażżin

5.1.1. Bl-eċċezzjoni tas-sits maħsuba biss għall-użu meta l-vettura tkun wieqfa, is-sits tal-vetturi tal-kategoriji M_1, M_2 (tal-Klassi III jew B ([4])), M_3 (tal-Klassi III jew B[4]) u N għandhom ikunu mgħammra biċ-ċinturini tas-sikurezza jew bis-sistemi tat-trażżin li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jitolbu l-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza fuq vetturi M_2 u M_3 li jappartjenu għall-Klassi II.

Meta jkunu mgħammra, iċ-ċinturini tas-sikurezza u/jew is-sistemi tat-trażżin f'vetturi tal-Klassi I, II jew A li jagħmlu parti mill-kategorija M_2 jew M_3 għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Il-Partijiet Kontraenti jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, jippermettu l-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza jew tas-sistemi tat-trażżin li ma jkunux dawk koperti minn dan ir-Regolament sakemm ikunu maħsuba għal persuni b'diżabilità.

Is-sistemi tat-trażżin li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 8 tas-serje ta' emendi 02 għar-Regolament tan-NU Nru 107 huma eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Vetturi tal-Klassi I, jew A li jagħmlu parti mill-kategorija M_2 jew M_3 jistgħu jiġu mgħammra b'ċinturini tas-sikurezza u/jew b'sistemi tat-trażżin konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Vetturi li jappartjenu għall-kategorija M_2 jew M_3 biss jistgħu jiġu mgħammra b'sistemi tat-trażżin li jinkludu apparat għall-aġġustament tal-ispalla flessibbli fir-rigward tal-għoli (il-paragrafu 2.12.7.).

([3]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.8, Anness 3 - https://unece.org/transport/vehicle-regulations/wp29/resolutions.

([4]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.8 - https://unece.org/transport/vehicle-regulations/wp29/resolutions.

5.1.2. It-tipi ta' ċinturini tas-sigurtà jew ta' sistemi ta' trażżin għal kull pożizzjoni bilqiegħda fejn hija meħtieġa l-installazzjoni għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness 5 (li magħhom la jistgħu jintużaw la ritratturi li ma jillokkjawx (il-paragrafu 2.12.1.) u lanqas ritratturli li jitneħħew minn lokkjati manwalment (il-paragrafu 2.12.2.)). Għall-pożizzjonijiet bilqiegħda kollha fejn fl-Anness 5 jiġu speċifikati ċ-ċinturini ta' fuq il-ħoġor tat-tip B, jiġu permessi ċ-ċinturini ta' fuq il-ħoġor tat-tip Br3 ħlief fil-każ li, waqt l-użu, jinġibdu lura sa tali punt li jnaqqsu ferm il-kumditàwara l-qfil bil-bokkla b'mod normali.

5.1.2.1. Madankollu, għal pożizzjonijiet bilqiegħda fuq in-naħa ta' barra, għajr dawk fuq quddiem, ta' vetturi tal-kategorija N_1 murija fl-Anness 5 u mmarkati bis-simbolu Ø, hija permessa l-installazzjoni ta' ċinturin ta' fuq il-ħoġor Br4m jew Br4Nm, fejn jeżisti passaġġ bejn is-sit u l-eqreb naħa tal-ħajt tal-ġenb tal-vettura maħsub biex jippermetti l-aċċess lill-passiġġieri għal partijiet oħra tal-vettura. Spazju bejn sit u l-ħajt tal-ġenb jitqies passaġġ, jekk id-distanza bejn dak il-ħajt tal-ġenb, bil-bibien kollha magħluqa, u pjan lonġitudinali vertikali li jgħaddi mil-linja ċentrali tas-sit ikkonċernat – imkejjel fil-pożizzjoni tal-punt R u b'mod perpendikolari mal-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura – tkun iktar minn 500 mm.

5.1.3. Fejn ma jkun meħtieġ l-ebda ċinturin tas-sikurezza, jista' jiġi provdut kwalunkwe tip ta' ċinturin tas-sikurezza jew ta' sistema tat-trażżin li jikkonforma ma' dan ir-Regolament skont l-għażla tal-manifattur. Ċinturini tat-tip A tat-tipi permessi fl-Anness 5 jistgħu jiġu provduti bħala alternattiva għaċ-ċinturini ta' fuq il-ħoġor għal dawk il-pożizzjonijiet bilqiegħda fejn iċ-ċinturini ta' fuq il-ħoġor jiġu speċifikati fl-Anness 5.

5.1.4. Fuq iċ-ċinturini bi tliet punti mgħammra bir-ritrattaturi, ritrattatur wieħed għandu jaħdem mill-inqas fuq iċ-ċinga dijagonali.

5.1.5. Ħlief għall-vetturi tal-kategorija M_1, jista' jiġi permess ritrattur li jillokkja f'emerġenza tat-tip 4N (il-paragrafu 2.12.5.) minflok ritrattur tat-tip 4 (il-paragrafu 2.12.4.) fejn għas-sodisfazzjon tas-servizzi responsabbli għat-testijiet ikun intwera li ma jkunx prattiku li jitwaħħal ritrattur tat-tip 4.

5.1.6. Għall-pożizzjonijiet bilqiegħda ta' quddiem fuq in-naħa ta' barra u ta' quddiem fin-nofs murija fl-Anness 5 u mmarkati bis-simbolu *, iċ-ċinturini ta' fuq il-ħoġor tat-tip speċifikat f'dak l-Anness għandhom jitqiesu adegwati fejn il-windskrin jinsab 'il barra miż-żona ta' referenza ddefinita fl-Anness 1 għar-Regolament tan-NU Nru. 21.

Fir-rigward iċ-ċinturini tas-sikurezza, il-windskrin jitqies bħala parti miż-żona ta' referenza meta jkun possibbli li jidħol f'kuntatt statiku mal-apparat tat-test skont il-metodu deskritt fl-Anness 1 għar-Regolament tan-NU Nru 21.

5.1.7. Għal kull pożizzjoni bilqiegħda fl-Anness 5 immarkata bis-simbolu ●, għandhom jiġu provduti ċinturini bi tliet punti ta' tip speċifikat fl-Anness 5 ħlief jekk waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfata, f'liema każ jistgħu jiġu provduti ċinturini b'żewġ punti ta' tip speċifikat fl-Anness 5.

5.1.7.1. Hemm sit jew partijiet oħra mill-vettura li jikkonformaw mal-paragrafu 3.5. tal-Appendiċi 1 għar-Regolament tan-NU Nru 80 direttament quddiem; jew

5.1.7.2. L-ebda parti mill-vettura ma hi jew tista' tkun fiż-żona ta' referenza meta l-vettura tkun miexja; jew

5.1.7.3. Partijiet mill-vettura fiż-żona ta' referenza msemmija jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-assorbiment tal-enerġija stabbiliti fl-Appendiċi 6 għar-Regolament tan-NU Nru 80.

5.1.7.4. Il-paragrafi 5.1.7.1. sa 5.1.7.3. ma għandhomx japplikaw għas-sit tas-sewwieq.

5.1.8. Għall-vetturi M_2 u M_3 tal-klassijiet kollha, is-sits li jħarsu 'l quddiem li jħarsu lejn Sistemi Inkorporati tat-Trażżin għat-Tfal għandhom ikunu mgħammra b'mill-inqas ċinturini tas-sikurezza Ar.

5.1.9. Il-vettura għandu jkollha informazzjoni li turi li hija mgħammra b'airbags għall-protezzjoni frontali għas-sits.

5.1.9.1. Għal vettura mgħammra b'assemblaġġ tal-airbag maħsub biex jipproteġi lis-sewwieq, din l-informazzjoni għandha tikkonsisti mill-iskrizzjoni "AIRBAG" li tkun tinsab fuq ġewwa taċ-ċirkonferenza tar-rota tal-isteering; din l-iskrizzjoni għandha titwaħħal b'mod permanenti u tkun viżibbli faċilment

5.1.9.2. Kull pożizzjoni bilqiegħda tal-passiġġier li tkun mgħammra b'airbag għall-protezzjoni frontali. għandha tiġi pprovduta bi twissija kontra l-użu tat-trażżin għat-tfal li jħares lura f'dik il-pożizzjoni bilqiegħda. Din l-informazzjoni għandha tikkonsisti minn tikketta li jkun fiha pittogrammi ċari ta' twissija kif indikat hawn taħt:

Illustrazzjoni 1

Tikketta ta' twissija



Id-dimensjonijiet kumplessivi tat-tikketta għandhom ikunu ta' mill-inqas 120 x 60 mm jew erja ekwivalenti.

It-tikketta tista' tiġi adattata b'tali mod li t-tqassim tagħha jvarja mill-eżempju indikat hawn; madankollu, il-kontenut għandu jissodisfa l-preskrizzjonijiet preċiżi. Barra minn hekk, ma għandu jiġi inkluż l-ebda tip ieħor ta' informazzjoni fuq it-tikketta sakemm ma titpoġġiex barra minn rettangolu mmarkat b'mod ċar li mill-inqas ikollu d-dimensjonijiet kumplessivi kif meħtieġ hawn fuq. B'deroga minn dak imsemmi hawn fuq, fuq it-tikketta jista' jitpoġġa n-numru tal-part, bar code jew marka ta' identifikazzjoni simili li ma taqbiżx 8 mm x 35 mm jew b'erja ekwivalenti.

Għandu jiġi żgurat ukoll li mhi permessa l-ebda devjazzjoni fil-forma u l-orjentazzjoni tal-pittogrammi preskritti, u partikolarment li għandu jkun projbit kwalunkwe adattament personalizzat tal-immaġini tal-pittogramma preskritta, bl-eċċezzjoni tal-id bis-suba' werrej puntat u l-ktejjeb miftuħ b'ittra "i" fuq il-paġna tal-lemin tiegħu diment li dawn ikunu jintgħarfu kif inhuma b'mod ċar.

Irregolaritajiet żgħar li jikkonċernaw il-ħxuna tal-linja, l-istampar tat-tikketta u tolleranzi tal-produzzjoni rilevanti oħra għandhom jiġu aċċettati.

Illustrazzjoni 2

Pittogramma skont l-istandard ISO 2575:2004 — Z.01 li għandha tintuża u li għandu jkollha dijametru ta' barra ta' mill-inqas 38 mm



Illustrazzjoni 3

Pittogramma li turi l-periklu li l-airbag jinfetaħ li għandha tintuża u li għandha tkun wiesa' 40 mm u għolja 28 mm jew proporzjonalment akbar



5.1.9.3. Fil-każ ta' airbag għall-protezzjoni frontali mpoġġija quddiem is-sit ta' quddiem tal-passiġġier, it-twissija għandha titwaħħal permanentament ma' kull faċċata tal-viżiera tax-xemx ta' quddiem tal-passiġġier f'tali pożizzjoni li mill-inqas twissija waħda fuq il-viżiera tax-xemx tkun viżibbli f'kull ħin, irrispettivament mill-pożizzjoni tal-viżiera tax-xemx. Inkella, twissija waħda għandha titqiegħed fuq il-wiċċ viżibbli tal-viżiera tax-xemx maħżuna u t-tieni twissija għandha titqiegħed fuq is-saqaf wara l-viżiera, għalhekk, mill-inqas twissija waħda tkun viżibbli l-ħin kollu. Ma għandux ikun possibbli li t-tikketta ta' twissija titneħħa faċilment mill-viżiera u mis-saqaf mingħajr ma tibqa' ħsara evidenti u viżibbli b'mod ċar fuq il-viżiera jew fuq is-saqaf fl-intern tal-vettura.

Jekk il-vettura ma jkollhiex viżiera tax-xemx jew saqaf, it-tikketta ta' twissija għandha titqiegħed f'post fejn ikun viżibbli b'mod ċar f'kull ħin.

Fil-każ ta' airbag għall-protezzjoni frontali għal sits tal-passiġġieri oħrajn fil-vettura, it-twissija għandha tkun eżattament bi dritt is-sit rilevanti, u viżibbli sew u f'kull ħin għal min jistalla trażżin għat-tfal li jħares lura fuq dak is-sit. Dan il-paragrafu u l-paragrafu 5.1.9.2. ma japplikawx għal dawk il-pożizzjonijiet bilqiegħda tal-passiġġieri mgħammra b'apparat li awtomatikament jiddiżattiva l-assemblaġġ tal-airbag għall-protezzjoni frontali meta jkun installat kwalunkwe trażżin għat-tfal li jħares lura.

5.1.9.4. Għandha tiddaħħal informazzjoni dettaljata li tirreferi għat-twissija fil-manwal ta' sid il-vettura; bħala minimu, din l-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas it-test li ġej:

"QATT ma għandek tuża trażżin għat-tfal li jħares lura fuq sit protett b'AIRBAG ATTIV quddiemu; dan jista' jikkawża l-MEWT jew ĠRIEĦI SERJI lit-TFAL" ([5])

([5]) Mhux relatat mal-approvazzjoni tat-tip, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jispeċifikaw b'liema lingwi għandu jiġi pprovdut it-test ma' kull vettura mqiegħda fis-suq fil-punt tal-bejgħ fit-territorju tagħhom.

It-test għandu jkun akkumpanjat bi stampa tat-tikketta tat-twissija kif tidher fil-vettura. L-informazzjoni għandha tinstab faċilment fil-manwal ta' sid il-vettura (eż referenza speċifika għall-informazzjoni stampata fl-ewwel paġna, markapaġna li tidentifika l-paġna jew ktejjeb separat, eċċ.).

Ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu ma japplikawx għal dawk il-vetturi fejn il-pożizzjonijiet kollha tas-sits tal-passiġġieri jkunu mgħammra b'apparat li jiddiżattiva awtomatikament l-assemblaġġ tal-airbag għall-protezzjoni frontali meta jkun installat it-trażżin tat-tfal li jħares lura.

5.1.10. Fil-każ ta' sits li jistgħu jiddawru jew jitqiegħdu f'orjentazzjonijiet oħra, iddisinjati biex jintużaw meta l-vettura tkun wieqfa, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.1.1 hawn fuq għandhom japplikaw biss għal dawk l-orjentazzjonijiet li huma dežinjati għal użu normali meta l-vettura tkun qed tivvjaġġa fi triq, skont dan ir-Regolament.

5.2. Rekwiżiti ġenerali

5.2.1. Iċ-ċinturini tas-sikurezza, sistemi ta' trażżin, u sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX kif ukoll is-sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size skont l-Anness 6, l-Appendiċi 3, għandhom jitwaħħlu ma' ankraġġi u fil-każ ta' Sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size, appoġġati ma' superfiċje ta' kuntatt mal-art tal-vettura, konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tar-Regolament tan-NU Nru 14 jew ir-Regolament tan-NU Nru 145, bħad-disinn u l-karatteristiċi dimensjonali, l-għadd ta' ankraġġi, u r-rekwiżiti ta' saħħa.

5.2.2. Iċ-ċinturini tas-sikurezza, sistemi ta' trażżin, u sistemi tat-trażżin għat-tfal rakkomandati mill-manifattur skont l-Anness 6, l-Appendiċi 3, għandhom jiġu installati b'tali mod li jaħdmu b'mod sodisfaċenti u jnaqqsu r-riskju ta' korrimenti fiżiċi fil-każ ta' aċċident. B'mod partikolari, għandhom jiġu installati b'mod li:

5.2.2.1. Iċ-ċineg ma jkunux jistgħu jassumu konfigurazzjoni perikoluża;

5.2.2.2. Il-periklu li ċinturin imqiegħed f'pożizzjoni korretta jiżloq minn fuq l-ispalla ta' min jilbsu minħabba l-moviment 'il quddiem tiegħu/tagħha jitnaqqas għal minimu;

5.2.2.3. Ir-riskju li ċ-ċinga tiddeterjora permezz ta' kuntatt mal-partijiet tal-vettura jew tal-istruttura tas-sit li jaqtgħu, u s-sistemi tat-trażżin għat-tfal rakkomandati mill-manifattur skont l-Anness 6, l-Appendiċi 3, jitnaqqas għal minimu.

5.2.2.4. Id-disinn u l-installazzjoni ta' kull ċinturin tas-sikurezza provdut għal kull pożizzjoni bilqiegħda għandhom ikunu tali li jkunu disponibbli malajr għall-użu. Barra minn hekk, fejn is-sit komplut jew il-kuxxin tas-sit u/jew id-dahar tas-sit jistgħu jintlewew sabiex ikun hemm aċċess għall-parti ta' wara tal-vettura jew għall-oġġetti jew għall-kompartiment tal-bagalji, wara li dawk is-sits jintlewew u jitreġġgħu għall-pożizzjoni bilqiegħda, iċ-ċinturini tas-sikurezza provduti għal dawk is-sits għandhom ikunu aċċessibbli għall-użu jew jistgħu jiġu rkuprati faċilment minn taħt jew minn wara s-sit, minn persuna waħda, skont l-istruzzjonijiet fil-manwal tal-utent tal-vettura, mingħajr ma jkun hemm għalfejn li dik il-persuna tingħata taħriġ jew tkun prattikat;

5.2.2.5. Is-Servizz Tekniku għandu jivverifika li, bl-ilsien tal-bokkla mdaħħal fil-bokkla:

5.2.2.5.1. Il-laxkezza possibbli fiċ-ċinturin ma tipprevjenix l-installazzjoni korretta tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal rakkomandata mill-manifattur, u

5.2.2.5.2. Fil-każ ta' ċinturini bi tliet punti, fis-sezzjoni ta' fuq il-ħoġor taċ-ċinturin tista' tiġi stabbilita tensjoni ta' mill-inqas 50 N permezz tal-applikazzjoni esterna tat-tensjoni fis-sezzjoni dijagonali taċ-ċinturin, meta jkunu ppożizzjonati:

(a) Fuq manikin ta' daqs ta'10 snin kif speċifikat fl-Anness 8, l-Appendiċi 1 tar-Regolament tan-NU Nru 44 u stipulat skont l-Anness 6, l-Appendiċi 4 ta' dan ir-Regolament;

(b) fuq il-fixture speċifikata fl-Anness 6, l-Appendiċi 1, l-Illustrazzjoni 1 tar-Regolament preżenti għas-sits li jippermettu l-installazzjoni ta' apparat tat-trażżin għat-tfal ta' kategorija universali.

5.2.3. Ir-rekwiżit ta' hawn taħt relatat maċ-ċinga bejn il-punt tal-bokkla u l-ankraġġ effettiv taċ-ċinturin huwa applikabbli biss għall-pożizzjonijiet bilqiegħda ta' wara tal-vetturi tal-kategorija M_1.

5.2.3.1. Id-differenza bejn it-tul reali taċ-ċinga u d-distanza lineari bejn il-punt EA u l-punt Bd għandha tkun ta' 80 mm jew inqas.

Ir-rekwiżiti ta' hawn fuq jistgħu jintwerew mill-vettura, mill-partijiet, mid-disinji jew mid-data 3D reali fid-diskrezzjoni tal-manifattur.

Il-korrelazzjoni bejn il-vettura u/jew il-partijiet reali u d-data tad-disinn jew 3D għandha tintwera mill-manifattur.

5.2.3.2. Ir-rekwiżit tal-paragrafu 5.2.3,1. ma għandux japplika jekk tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-assemblaġġ taċ-ċinturin tas-sikurezza huwa mgħammar b'apparat għat-tagħbija minn qabel.

(b) Permezz ta' data sperimentali, simulazzjoni, jew kalkoli tas-saħħa tad-desktop, il-manifattur, għas-sodisfazzjon tas-Servizz Tekniku, juri li l-assemblaġġ taċ-ċinga tal-bokkla għandu l-istess prestazzjoni bħar-rekwiżit fil-punt (c) hawn taħt.

(c) Meta l-assemblaġġ taċ-ċinga tal-bokkla jiġi ttestjat bl-użu tal-metodu deskritt fl-Anness 7 ta' dan ir-Regolament, il-moviment tal-punt tal-bokkla ma għandux ikun akbar minn 80 mm b'tagħbija tensili ta' 1 000 N ± 50 N.

5.3. Ir-rekwiżiti speċjali għall-partijiet riġidi inkorporati fiċ-ċinturini tas-sikurezza jew fis-sistemi ta' trażżin

5.3.1. Il-partijiet riġidi, bħall-bokkli, l-apparati għall-aġġustament u ż-żidiet, ma għandhomx iżidu r-riskju ta' feriment fiżiku għal min jilbishom jew għall-okkupanti l-oħra tal-vettura fil-każ ta' aċċident.

5.3.2. L-apparat biex tinfetaħ il-bokkla għandu jkun viżibbli b'mod ċar għal min jilbsu u li jista' jintlaħaq faċilment u għandu jkun iddisinjat b'mod li ma jistax jinfetaħ b'mod involontarju jew aċċidentali. Il-bokkla wkoll għandha tkun f'tali pożizzjoni li tkun faċilment aċċessibbli għal persuna li jkollha l-ħtieġa li teħles lil min jilbisha biex issalvah f'każ ta' emerġenza.

Il-bokkla għandha tkun installata b'mod li, kemm meta ma tkunx mgħobbija u kemm meta tkun qed issostni l-massa ta' min jilbisha, tkun kapaċi tinfetaħ minn min jilbisha b'moviment wieħed sempliċi ta' kwalunkwe waħda mill-idejn f'direzzjoni waħda.

Fil-każ ta' ċinturini tas-sikurezza jew ta' sistemi ta' trażżin għal pożizzjonijiet bilqiegħda fuq quddiem fuq in-naħa ta' barra, ħlief meta dawn ikunu ċinturini arness, il-bokkla għandha tkun ukoll tista' tiġi llokkjata bl-istess mod.

Għandu jsir ċekkjar biex ikun żgurat li, jekk il-bokkla tkun f'kuntatt ma' min jilbisha, il-wisa' tas-superfiċe ta' kuntatt ma tkunx inqas minn 46 mm.

Għandu jsir kontroll biex ikun żgurat li, jekk il-bokkla tkun f'kuntatt ma' min jilbisha, is-superfiċe ta' kuntatt tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 6.2.2.1. tar-Regolament tan-NU Nru 16.

5.3.3. Meta dan iċ-ċinturin ikun qed jintlibes, għandu jew jaġġusta awtomatikament biex joqgħod sew fuq min jilbsu jew ikun iddisinjat b'mod li l-apparat għall-aġġustament manwali jkun aċċessibbli malajr għal min jilbsu meta jkun bilqiegħda u jkun konvenjenti u faċli biex jintuża. Għandu wkoll ikun possibbli li jiġi ssikkat b'id waħda biex jiġi adattat għall-binja ta' ġisem min jilbsu u għall-pożizzjoni tas-sit tal-vettura.

5.3.4. Iċ-ċinturini tas-sikurezza jew is-sistemi ta' trażżin li jinkorporaw ir-ritrattaturi għandhom ikunu installati b'mod li r-ritrattaturi ikunu jistgħu jaħdmu b'mod korrett u jkebbu iċ-ċinga b'mod effiċjenti. Kemm fil-każ ta' apparat għall-aġġustament taċ-ċinturin kif ukoll ta' apparat għall-aġġustament tal-ispalla flessibbli fir-rigward tal-għoli, għallinqas fl-ogħla pożizzjoni u f'dik l-aktar baxxa, għandhom isiru ċekkjaturi li r-ritrattatur jaġġusta ċ-ċinga awtomatikament għall-ispalla tal-utent wara li jaqfilha, kif ukoll li l-ilsien tal-bokkla jingħibed lura meta ċ-ċinga tinħall.

5.3.5. Sabiex l-utent(i) tal-vettura jkun(u) informat(i) bid-dispożizzjonijiet li saru għat-trasport tat-tfal, il-vetturi tal-Kategoriji M_1, M_2, M_3 u N_1 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni tal-Anness 6. Kwalunkwe vettura tal-Kategorija M_1 għandha tiġi mgħammra b'pożizzjonijiet ISOFIX, f'konformità mal-preskrizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tan-NU Nru 14 jew tar-Regolament tan-NU Nru 145.

L-ewwel pożizzjoni ISOFIX għandha tippermetti għallinqas l-installazzjoni ta' wieħed mit-tliet fixtures li jħarsu 'l quddiem kif definit fl-Appendiċi 2 tal-Anness 6; it-tieni pożizzjoni ISOFIX għandha tippermetti mill-inqas l-installazzjoni ta' fixture waħda li tħares lura kif definit fl-Appendiċi 2 tal-Anness 6. Għal din it-tieni pożizzjoni ISOFIX, fil-każ fejn l-installazzjoni tal-fixture li tħares lura ma tkunx possibbli fit-tieni ringiela ta' sits tal-vettura minħabba d-disinn tagħha, l-installazzjoni ta' fixture waħda tkun permessa fi kwalunkwe pożizzjoni fil-vettura.

5.3.6. Kull pożizzjoni bilqiegħda i-Size għandha tippermetti l-installazzjoni ta' fixture tat-trażżin għat-tfal ISOFIX "ISO/F2X", "ISO/R2", u l-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni ta' riġel ta' appoġġ kif definit fl-Appendiċi 2 tal-Anness 6, kif ukoll fixture għal booster seat "ISO/B2" kif definit fl-Appendiċi 5 tal-Anness 6 mingħajr konnessjonijiet ISOFIX (ara d-dettall B). Għandu jkun possibbli li l-pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size kollha maġenb xulxin ikunu okkupati fl-istess ħin. Dan jitqies li jkun intwera meta l-pjani medjani vertikali ta' pożizzjonijiet individwali maġenb xulxin ikunu tal-anqas 440 mm 'il boqgħod minn xulxin.

5.4. It-tipi ta' vetturi tal-kategoriji M, N, O, L_2, L_4, L_5, L_6, L_7 u T approvati skont ir-Regolament tan-NU Nru 16, is-serje ta' emendi 08 qabel l-1 ta' Settembru 2026 jew is-serje ta' emendi 09 qabel l-1 ta' Settembru 2027 jitqiesu li jikkonformaw ma' dan il-paragrafu 5.

5.5. Fil-każ ta' vetturi tal-kategorija X, pożizzjoni bilqiegħda bl-apparat ta' kontroll tal-isteering imqiegħed quddiem, tista' tiġi ddeżinjata bħala adatta għall-installazzjoni ta' Sistema tat-Trażżin għat-Tfal, dment li jiġu sodisfati r-rekwiżiti kollha għal pożizzjonijiet bilqiegħda tal-passiġġieri kif definit fil-paragrafi 5.1.9.2. sa 5.1.9.4.

6. Konformità tal-produzzjoni

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, Skeda 1 (E/ECE/TRANS/505/Rev.3), bir-rekwiżiti li ġejjin:

6.1. Kull tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament għandu jkun manifatturat b'tali mod li jikkonforma mat-tip approvat billi jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' hawn fuq.

7. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

7.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 6.1. ta' hawn fuq ma jkunx rispettat.

7.2. Fil-każ ta' Parti Kontraenti għall-Ftehim li japplika r-Regolament preżenti jirtira omologazzjoni li qabel kien ta, dan għandu jinforma b'dan minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn li japplikaw ir-Regolament preżenti, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-eżempju tal-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

8. Modifiki u estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura

8.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' dan ir-Regolament tan-NU għandha tiġi notifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li approva t-tip ta' vettura. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tista' mbagħad jew:

(a) Tiddeċiedi, f'konsultazzjoni mal-manifattur, li għandha tinħareġ approvazzjoni tat-tip ġdida; jew

(b) Tapplika l-proċedura li tinsab fil-paragrafu 8.1.1. (Reviżjoni) u, fejn applikabbli, il-proċedura li tinsab fil-paragrafu 8.1.2. (Estensjoni).

8.1.1. Reviżjoni

Meta d-dettalji reġistrati fid-dokumenti ta' informazzjoni jkunu nbidlu u l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tqis li l-modifiki li saru huwa improbabbli li se jkollhom effett avvers apprezzabbli, u li fi kwalunkwe każ il-vettura għadha tissodisfa r-rekwiżiti, il-modifika għandha tiġi dežinjata bħala "reviżjoni".

F'tali każ, l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip għandha toħroġ il-paġni riveduti tad-dokumenti ta' informazzjoni kif meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-modifika u d-data tal-ħruġ mill-ġdid. Verżjoni konsolidata u aġġornata tad-dokumenti ta' informazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tal-modifika, għandha titqies li tissodisfa dan ir-rekwiżit.

8.1.2. Estensjoni

Il-modifika għandha tiġi dežinjata bħala "estensjoni" jekk, minbarra l-bidla fid-dettalji reġistrati fil-folder ta' informazzjoni:

(a) ikunu meħtieġa aktar spezzjonijiet jew testijiet; jew

(b) tinbidel xi informazzjoni dwar id-dokument ta' komunikazzjoni (bl-eċċezzjoni ta' partijiet annessi miegħu); jew

(c) l-approvazzjoni għal serje ta' emendi aktar tard tintalab wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

8.2. Avviż ta' konferma, estensjoni jew rifjut tal-approvazzjoni għandu jiġi komunikat permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3. ta' hawn fuq lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-indiċi tad-dokumenti ta' informazzjoni u tar-rapporti tat-test, mehmuż mad-dokument ta' komunikazzjoni tal-Anness 1, għandu jiġi emendat kif xieraq biex jindika d-data tar-reviżjoni jew tal-estensjoni l-aktar reċenti.

8.3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tagħti numru tas-serje lil kull formola ta' komunikazzjoni li ssir għal estensjoni bħal din.

9. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf għalkollox mill-manifattura ta' apparat approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma b'dan lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

10. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li taw l-approvazzjoni, u għand min għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew rifjut, jew estensjoni jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

11. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

11.1. Ġenerali

11.1.1. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jagħtu approvazzjonijiet tat-tip skont kwalunkwe serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament.

11.1.2. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu estensjonijiet tal-approvazzjonijiet eżistenti għal kwalunkwe serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament.

11.2. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali applikabbli għas-serje ta' emendi 01

11.2.1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ uffiċjali tas-serje ta' emendi 01, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament kif emendat mis-serje ta' emendi 01.


11.2.2. Mill-1 ta' Settembru 2027, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip għal kwalunkwe serje ta' emendi preċedenti, maħruġa għall-ewwel darba wara l-1 ta' Settembru 2027.

11.2.3. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jaċċettaw l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont il-forma oriġinali ta' dan ir-Regolament, maħruġa għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Settembru 2027.

ANNESS 1

Komunikazzjoni

(Format Massimu: A4 (210 x 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni:
……
……
……

Rigward ([2]):
Approvazzjoni mogħtija
Approvazzjoni estiża
Approvazzjoni rifjutata
Approvazzjoni rtirata
Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza, tas-sistemi tat-trażżin, tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal, tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX u tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size skont ir-Regolament tan-NU Nru 173.

Approvazzjoni Nru ……

1. Ġenerali ……

1.1. Marka (isem kummerċjali tal-manifattur) ……

1.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali ……

1.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkati fuq il-vettura ……

……

1.3.1. Lokalizzazzjoni ta' dik il-marka ……

1.4. Kategorija tal-vettura ……

1.5. Isem u indirizz tal-manifattur ……

1.6. Indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ ……

1.7. Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq tat-test ……

1.8. Data tar-rapport tat-test ……

1.9. Numru tar-rapport tat-test ……

2. Karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni tal-vettura

2.1. Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura rappreżentattiva

([1]) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).
([2]) Aqta' barra dak li ma japplikax.

3. Karozzerija

3.1. Sits

3.1.1. Numru .....

3.1.2. Pożizzjoni u arranġament .....

3.1.2.1. Il-pożizzjoni(jiet) bilqiegħda dežinjati għall-użu biss meta l-vettura tkun wieqfa .....

3.1.3. Karatteristiċi: deskrizzjoni u disinji ta':

3.1.3.1. Is-sits u l-ankraġġ tagħhom .....

3.1.3.2. Is-sistema ta' aġġustament .....

3.1.3.3. Is-sistemi ta' spostament u ta' lokkjar .....

3.1.3.4. L-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza jekk inkorporati fl-istruttura tas-sit .....

3.2. Iċ-ċinturini tas-sikurezza u/jew sistemi ta' trażżin oħra

3.2.1. In-numru u l-pożizzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza u tas-sistemi ta' trażżin u tas-sits li fuqhom jistgħu jintużaw .....

		Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip kompluta	Varjanti (jekk applikabbli)	Apparat tal-aġġustament taċ-ċinturin għat-tul (indika iva/le/fakultattiv)
L-ewwel ringiela tas-sits	R			
	C			
	L			
It-tieni ringiela tas-sits	R			
	C			
	L			

(R = sit fuq il-lemin, C = sit fiċ-ċentru, L = sit fuq ix-xellug)

3.2.2. In-natura u l-pożizzjoni tas-sistemi ta' trażżin supplimentari (indika iva/le/fakultattiv).

		Airbag ta' quddiem	Airbag tal-ġenb	Apparat għat-tagħbija minn qabel taċ-ċinturin
L-ewwel ringiela tas-sits	R			
	C			
	L			
It-tieni ringiela tas-sits	R			
	C			
	L			

(R = sit fuq il-lemin, C = sit fiċ-ċentru, L = sit fuq ix-xellug)

3.2.3. In-numru u l-pożizzjoni tal-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza u l-prova tal-konformità mar-Regolament tan-NU Nru. 14 (jiġifieri, in-numru tal-approvazzjoni tat-tip jew ir-rapport tat-test).

3.3. Ankraġġi ISOFIX

3.3.1. In-numru u l-pożizzjoni tal-ankraġġi ISOFIX u l-prova tal-konformità mar-Regolament tan-NU Nru 14 jew 145 (jiġifieri, in-numru tal-approvazzjoni tat-tip jew ir-rapport tat-test).

4. Post .....


5. Data .....

6. Firma .....

ANNESS 2

Arranġament tal-marka tal-approvazzjoni

(ara l-paragrafi 4.5. sa 4.5.2. ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm min.

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fin-Netherlands (E4) skont ir-Regolament tan-NU Nru 173 bin-numru tal-approvazzjoni 011234. L-ewwel żewġ diġits (01) tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 173 kif emendat bis-serje ta' emendi 01.

ANNESS 3

Struzzjonijiet

1. L-istruzzjonijiet lill-utent (jistgħu jiġu inklużi fil-manwal tal-utent tal-vettura jekk iċ-ċinturin tas-sikurezza jiġi installat mill-manifattur tal-vettura) li jispeċifikaw l-istruzzjonijiet biex ikun żgurat li l-utent jikseb l-akbar benefiċċju miċ-ċinturin tas-sikurezza. F'dawn l-istruzzjonijiet għandha ssir referenza għal:
   (a) L-importanza li jintlibes l-assemblaġġ għall-vjaġġi kollha;
   (b) Il-mod korrett ta' kif jintlibes iċ-ċinturin u b'mod partikolari għal:
      (i) Il-pożizzjoni maħsuba għall-bokkla;
      (ii) Kemm huwa mixtieq li ċ-ċinturini jintlibsu ssikkati;
      (iii) Il-pożizzjoni korretta taċ-ċineg u l-bżonn li jiġi evitat li jinbarmu;
      (iv) L-importanza li kull ċinturin jintuża minn okkupant wieħed biss, u speċjalment li ma jitqiegħedx ċinturin madwar tifel/tifla bil-qiegħda fuq ħoġor l-okkupant;
   (c) Il-metodu tat-tħaddim tal-bokkla;
   (d) Il-metodu tat-tħaddim tal-aġġustatur;
   (e) Il-metodu tat-tħaddim ta' kwalunkwe ritrattatur li jista' jkun inkorporat fl-assemblaġġ u l-metodu biex tiġi ċċekkjata l-funzjoni tal-lokkjar;
   (f) Il-metodi rakkomandati tat-tindif taċ-ċinturin u tar-riassemblaġġ tiegħu wara t-tindif meħtieġ;
   (g) Il-ħtieġa li jiġi sostitwit iċ-ċinturin tas-sikurezza meta jkun intuża f'aċċident serju jew meta juri sinjali li qed jiżżarrad ferm jew li ġie maqtugħ, jew meta, b'ċinturin mgħammar b'indikatur viżwali ta' tagħbija żejda, jindika li ċ-ċinturin ma għadux adattat biex jintuża aktar jew meta ċinturin tas-sikurezza ikun mgħammar b'apparat għat-tagħbija minn qabel, meta dan tal-aħħar ikun ġie attivat;
   (h) Il-fatt li ċ-ċinturin ma għandu jiġi modifikat b'ebda mod ladarba bidliet ta' din ix-xorta jistgħu jagħmlu ċ-ċinturin ineffettiv, u b'mod partikolari fejn id-disinn jippermetti li parti tiġi żarmata, struzzjonjiet jew armar mill-ġdid korrett;
   (i) Il-fatt li ċ-ċinturin huwa maħsub biex jintuża minn okkupanti li għandhom id-daqs ta' adulti;
   (j) L-irfigħ taċ-ċinturin meta ma jkunx qed jintuża.

ANNESS 4

Proċedura biex jiġu determinati l-punt "H" u l-angolu reali tat-torso għall-pożizzjonijiet bilqiegħda f'vetturi motorizzati ([1])

Appendiċi 1 - Deskrizzjoni tal-magna tridimensjonali għall-punt "H" ([1])

Appendiċi 2 - Sistema ta' referenza tridimensjonali ([1])

Appendiċi 3 - Data ta' referenza dwar il-pożizzjonijiet bilqiegħda ([1])

([1]) Il-proċedura hija deskritta fl-Addendum 6 tar-Riżoluzzjoni Reċiproka Nru 1 (M.R.1) (id-dokument ECE/TRANS/WP.29/1101/Amend.5); ara https://unece.org/transport/vehicle-regulations/wp29/resolutions.

ANNESS 5

Installazzjoni taċ-ċinturin tas-sikurezza li turi t-tipi ta' ċinturin u t-tipi ta' ritrattatur

Rekwiżiti minimi għaċ-ċinturini tas-sikurezza u r-Ritrattaturi						
Kategorija ta' vetturi	Pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda li jħarsu 'l quddiem				*Pożizzjonijiet bilqiegħda li jħarsu lura*	Pożizzjonijiet bilqiegħda li jħarsu laġenba
	Pożizzjonijiet bilqiegħda fuq in-naħa ta' barra		Pożizzjonijiet bilqiegħda fin-nofs			
	Quddiem	Mhux quddiem	Quddiem	Mhux quddiem		
M_1	Ar4m	Ar4m	Ar4m	Ar4m	B, Br3, Br4m	-
M_2 < 3.5 t	Ar4m, Ar4Nm	Ar4m, Ar4Nm	Ar4m, Ar4Nm	Ar4m, Ar4Nm	Br3, Br4m, Br4Nm	-
M_2 > 3.5 t	Br3, Br4m, Br4Nm, jew Ar4m jew Ar4Nm ●	Br3, Br4m, Br4Nm, jew Ar4m jew Ar4Nm ●	Br3, Br4m, Br4Nm jew Ar4m jew Ar4Nm ●	Br3, Br4m, Br4Nm jew Ar4m jew Ar4Nm ●	Br3, Br4m, Br4Nm	-
M_3	Br3, Br4m, Br4Nm, jew Ar4m jew Ar4Nm ● Ara l-paragrafu 5.1.7. għall-kundizzjonijiet fejn ċinturin tal-ħoġor huwa permess	Br3, Br4m, Br4Nm, jew Ar4m jew Ar4Nm ● Ara l-paragrafu 5.1.7. għall-kundizzjonijiet fejn ċinturin tal-ħoġor huwa permess	Br3, Br4m, Br4Nm jew Ar4m jew Ar4Nm ● Ara l-paragrafu 5.1.7. għall-kundizzjonijiet fejn ċinturin tal-ħoġor huwa permess	Br3, Br4m, Br4Nm jew Ar4m jew Ar4Nm ● Ara l-paragrafu 5.1.7. għall-kundizzjonijiet fejn ċinturin tal-ħoġor huwa permess	Br3, Br4m, Br4Nm	B, Br3, Br4m, Br4Nm
N_1	Ar4m, Ar4Nm	Ar4m, Ar4Nm, Br4m, Br4Nm Ø	B, Br3, Br4m, Br4Nm jew A, Ar4m, Ar4Nm*	B, Br3, Br4m, Br4Nm	B, Br3, Br4m, Br4Nm	-
		Para. 5.1.2.1. ċinturin ta' fuq il-ħoġor huwa permess jekk is-sit ikun 'il ġewwa mill-passaġġ	Para. 5.1.6 ċinturin ta' fuq il-ħoġor huwa permess jekk il-windskrin mhix fiż-żona ta' referenza			
N_2	Br3, Br4m, Br4Nm jew Ar4m, Ar4Nm* Para. 5.1.6 ċinturin ta' fuq il-ħoġor permess jekk il-windskrin[Z] ikun barra miż-żona ta' referenza jew għal sit li jkollu apparat ta' kontroll tal-isteering quddiem	B, Br3, Br4m, Br4Nm	B, Br3, Br4m, Br4Nm, jew A, Ar4m, Ar4Nm* Para. 5.1.6 ċinturin ta' fuq il-ħoġor huwa permess jekk il-windskrin mhix fiż-żona ta' referenza	B, Br3, Br4m, Br4Nm	B, Br3, Br4m, Br4Nm	-

Rekwiżiti minimi għaċ-ċinturini tas-sikurezza u r-Ritrattaturi						
Kategorija ta' vetturi	Pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda li jħarsu 'l quddiem				*Pożizzjonijiet bilqiegħda li jħarsu lura*	Pożizzjonijiet bilqiegħda li jħarsu laġenba
	Pożizzjonijiet bilqiegħda fuq in-naħa ta' barra		Pożizzjonijiet bilqiegħda fin-nofs			
	Quddiem	Mhux quddiem	Quddiem	Mhux quddiem		
N_3	Br3, Br4m, Br4Nm jew Ar4m, Ar4Nm* Para. 5.1.6 ċinturin ta' fuq il-ħoġor permess jekk il-windskrin[Z] ikun barra miż-żona ta' referenza jew għal sit li jkollu apparat ta' kontroll tal-isteering quddiem	B, Br3, Br4m, Br4Nm	B, Br3, Br4m, Br4Nm, jew A, Ar4m, Ar4Nm* Para. 5.1.6 ċinturin ta' fuq il-ħoġor huwa permess jekk il-windskrin mhix fiż-żona ta' referenza	B, Br3, Br4m, Br4Nm	B, Br3, Br4m, Br4Nm	-

A: ċinturin (ta' fuq il-ħoġor u dijagonali) bi tliet punti
B: ċinturin (ta' fuq il-ħoġor) b'żewġ punti
r: ritrattatur
m: ritrattatur li jillokkja f'emerġenza b'sensittività multipla
3: ritrattatur li jillokkja awtomatikament
4: ritrattatur li jillokkja f'emerġenza
N: soll ogħla ta' rispons
*: Jirreferi għal paragrafu 5.1.6. ta' dan ir-Regolament
Ø: Jirreferi għal paragrafu 5.1.2,1. ta' dan ir-Regolament
●: jirreferi għal paragrafu 5.1.7. ta' dan ir-Regolament
(ara l-paragrafi 2.12.3. u 2.12.5. ta' dan ir-Regolament)

Z: Għall-fini ta' dan ir-Regolament: Fil-każ ta' vetturi tal-kategorija X, il-ħġieġ jew is-superfiċe esterna ta' quddiem li tħares 'il quddiem titqies bħala windskrin.

Nota a: Fil-każijiet kollha, iċ-ċinturini tat-tip S jistgħu jkunu installati minflok iċ-ċinturini kollha possibbli tat-tip A jew B, bil-kundizzjoni li l-ankraġġi tagħhom jikkonformaw mar-Regolament tan-NU Nru 14.

Meta ċinturin arness ikun ġie approvat bħala ċinturin tat-tip S skont dan ir-Regolament, bl-użu taċ-ċinga taċ-ċinturin ta' fuq il-ħoġor, iċ-ċineg taċ-ċinturin ta' fuq l-ispalla u possibbilment ritrattatur wieħed jew aktar, il-manifattur/applikant jista' jipprovdi ċinga ta' bejn il-koxox waħda jew tnejn addizzjonali inklużi ż-żidiet tagħhom għall-ankraġġi tagħhom. Dawn l-ankraġġi addizzjonali ma għandhomx għalfejn jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 14

Nota b: Għall-vetturi M_2 u M_3 tal-klassijiet kollha, is-sits li jħarsu 'l quddiem li jħarsu lejn Sistemi Inkorporati tat-Trażżin għat-Tfal għandhom ikunu mgħammra b'mill-inqas ċinturini tas-sikurezza Ar.

ANNESS 6

Rekwiżiti għall-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza u tas-sistemi tat-trażżin għall-okkupanti adulti tal-vetturi motorizzati għat-triq fuq is-sits li jħarsu 'l quddiem, għall-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX u għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size

1. Il-kompatibilità mas-sistemi tat-trażżin għat-tfal

1.1. Il-manifattur tal-vettura għandu jinkludi fil-manwal tal-vettura, pariri sempliċi għall-utent tal-vettura dwar kemm il-pożizzjonijiet bilqiegħda individwali tal-passiġġieri huma xierqa għall-armar tas-sistemi tat-trażżin tat-tfal. Din l-informazzjoni għandha tingħata permezz ta' pittogrammi jew fil-lingwa nazzjonali, inkella tal-anqas waħda mil-lingwi nazzjonali, tal-pajjiż li fih il-vettura hija offruta għall-bejgħ.

Għal kull pożizzjoni bilqiegħda tal-passiġġieri li jħarsu 'l quddiem, u għal kull pożizzjoni ISOFIX, il-manifattur tal-vettura għandu jinkludi:

(a) Jekk il-pożizzjoni bilqiegħda hija xierqa tat-trażżin għat-tfal tal-kategorija "universali" (ara l-paragrafu 1.2. hawn taħt); u/jew

(b) Jekk il-pożizzjoni bilqiegħda hija xierqa għal sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size (ara l-paragrafu 1.4. hawn taħt); u/jew

(c) Jekk il-pożizzjoni bilqiegħda tkun adatta għal sistemi tat-trażżin għat-tfal mgħammra b'aċċessorji tal-irbit ta' isfel; u/jew

(d) Jekk il-pożizzjoni bilqiegħda hija xierqa għas-sistemi tat-trażżin għat-tfal għajr dawk speċifikati hawn fuq (eż. ara l-paragrafu 1.3. hawn taħt).

Jekk pożizzjoni bilqiegħda hija xierqa biss għall-użu ta' sistemi għat-trażżin tat-tfal li jħarsu 'l quddiem, dan għandu jkun ukoll indikat fil-manwal tal-vettura.

Minbarra l-informazzjoni ta' hawn fuq għall-utent tal-vettura, il-manifatturi tal-vettura għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni kif definita fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness. Pereżempju, din l-informazzjoni tista' tiġi inkluża f'annessi separati fil-manwal tal-vettura, jew fid-deskrizzjonijiet tekniċi tal-vettura inkella fuq paġna web apposta. Il-post fejn tkun tista' tinsab din l-informazzjoni għandu jkun ipprovdut fil-manwal tal-vettura.

1.2. Sistema tat-trażżin għat-tfal tal-kategorija universali tfisser trażżin għat-tfal approvat għall-kategorija "universali" tar-Regolament tan-NU Nru 44, is-serje ta' emendi 04 jew għal waħda mill-kategoriji universali tar-Regolament tan-NU Nru 129 (jew emendi sussegwenti). Il-pożizzjonijiet, li huma indikati mill-manifattur tal-vettura bħala xierqa għall-installazzjoni ta' sistemi għat-trażżin tat-tfal tal-kategorija universali, għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 1 u l-Appendiċi 5 ta' dan l-anness.

1.3. Sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX tfisser trażżin għat-tfal approvat skont ir-Regolament tan-NU Nru 44, Supplement 5 tas-serje ta' emendi 03 jew ir-Regolament tan-NU Nru 129 (jew emendi sussegwenti). Il-pożizzjonijiet, li huma indikati mill-manifattur tal-vettura bħala xierqa għall-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 2 ta' dan l-anness.

1.4. Trażżin għat-tfal i-Size tfisser trażżin tat-tfal approvat għall-kategorija i-Size tar-Regolament tan-NU Nru 129. Il-pożizzjonijiet bilqiegħda, li huma indikati mill-manifattur tal-vettura bħala xierqa għall-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 2 u l-Appendiċi 5 ta' dan l-Anness.

Anness 6 — Appendiċi 1

Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal tal-kategorija "universali" installati bit-tagħmir taċ-ċinturin tas-sikurezza tal-vettura

1. Ġenerali

1.1. Il-proċedura tat-test u r-rekwiżiti f'dan l-appendiċi għandhom jintużaw sabiex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tal-pożizzjoni bilqiegħda għall-installazzjoni tal-apparat għat-trażżin tat-tfal tal-kategorija "universali".

1.2. It-testijiet jistgħu jitwettqu fil-vettura jew f'parti rappreżentattiva tal-vettura.

2. Proċedura tat-test

2.1. Aġġusta s-sit għall-pożizzjoni għalkollox lura u l-aktar baxxa.

2.2. Aġġusta l-angolu tad-dahar tas-sit għall-pożizzjoni tad-disinn tal-manifattur. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni, għandu jintuża angolu ta' 25 grad mill-vertikali, jew l-eqreb pożizzjoni fissa tad-dahar tas-sit.

2.3. Iffissa l-ankraġġ tal-ispalla għall-aktar pożizzjoni baxxa.

2.4. Qiegħed biċċa drapp tal-qoton fuq id-dahar tas-sit u fuq il-kuxxin.

2.5. Qiegħed il-fixture (kif deskritt fl-Illustrazzjoni 1 ta' dan l-Appendiċi) fuq is-sit tal-vettura.

2.6. Jekk il-pożizzjoni bilqiegħda hija maħsuba li takkomoda sistema tat-trażżin universali li tħares 'il quddiem jew tħares lura, ipproċedi skont il-paragrafi 2.6.1., 2.7., 2.8., 2.9. u 2.10. hawn taħt. Jekk il-pożizzjoni bilqiegħda hija maħsuba li takkomoda sistema tat-trażżin li tħares 'il quddiem biss, ipproċedi skont il-paragrafi 2.6.2, 2.7, 2.8, 2.9 u 2.10 hawn taħt.

2.6.1. Irranġa ċ-ċinga taċ-ċinturin tas-sikurezza madwar il-fixture fil-post bejn wieħed u ieħor fil-pożizzjoni korretta kif muri fl-Illustrazzjonijiet 2 u 3, imbagħad aqfel il-bokkla.

2.6.2. Irranġa ċ-ċinga ta' fuq il-ħoġor taċ-ċinturin tas-sikurezza bejn wieħed u ieħor fil-pożizzjoni korretta madwar il-parti t'isfel tal-fixture b'raġġ ta'150 mm kif muri fl-Illustrazzjoni 3, imbagħad aqfel il-bokkla.

2.7. Żgura li l-fixture ikollha l-pjan vertikali ta' simetrija tas-sit f'distanza ta' ± 25 mm mill-pjan vertikali ta' simetrija tal-pożizzjoni bilqiegħda.

2.8. Żgura ruħek li l-partijiet laxki kollha taċ-ċineg jitneħħew. Uża forza suffiċjenti biex tneħħi l-parti laxka, tippruvax iżżid it-tensjoni taċ-ċinga.

2.9. Imbotta lura fuq iċ-ċentru tal-parti ta' quddiem tal-fixture b'forza ta' 100 N ± 10 N, applikata b'mod parallel għas-superfiċe t'isfel, u neħħi l-forza.

2.10. Imbotta b'mod vertikali 'l isfel fuq iċ-ċentru tas-superfiċe ta' fuq tal-fixture b'forza ta' 100 N ± 10 N, u neħħi l-forza.

3. Rekwiżiti


3.1. Il-bażi tal-fixture għandha tkun f'kuntatt kemm mal-parti ta' quddiem kif ukoll ma' dik ta' wara tas-superfiċe tal-kuxxin tas-sit. Jekk kuntatt ta' din ix-xorta ma jseħħx minħabba l-vojt għall-aċċess taċ-ċinturin fil-fixture tat-test, dan il-vojt jista' jiġi kopert f'linja mas-superfiċe tal-qiegħ tal-fixture tat-test.

3.2. Il-porzjoni tal-ħoġor taċ-ċinturin għandha tmiss mal-fixture fuq iż-żewġ naħat fuq wara tal-mogħdija taċ-ċinga tal-ħoġor (ara Illustrazzjoni 3). Iċ-ċinga taċ-ċinturin tas-sikurezza dejjem għandha tkopri l-punti BP fit-truf tax-xellug u tal-lemin tax-xifer ġej għat-tond; il-pożizzjoni eżatta tal-punt BP fuq ix-xifer ġej għat-tond hija indikata fid-dettall W tal-Illustrazzjoni 1.


3.3. Jekk ir-rekwiżit ta' hawn fuq ma jiġux ssodisfati bl-aġġustamenti indikati fil-paragrafi 2.1., 2.2. u 2.3. hawn fuq, l-ankraġġi tas-sit, tad-dahar tas-sit u taċ-ċinturin tas-sigurtà jistgħu jiġu aġġustati għal pożizzjoni alternattiva dežinjati mill-manifattur għal użu normali fejn il-proċedura tal-installazzjoni ta' aktar 'il fuq għandha tiġi ripetuta, u r-rekwiżiti vverifikati u ssodisfati għal darba oħra. Din il-pożizzjoni alternattiva għandha tiġi inkluża bħala informazzjoni fit-Tabella 1 tal-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

Illustrazzjoni 1

Speċifikazzjonijiet tal-fixture (id-dimensjonijiet kollha f'mm)



Piż: 23 kg, distribwit ugwali




Dettall W

Illustrazzjoni 2

Installazzjoni ta' fixture fuq is-sit tal-vettura


(ara l-paragrafu 2.6.1.)



Illustrazzjoni 3

Iċċekkja għall-kompatibbiltà

(ara l-paragrafi 2.6.1. u 3.2)



Jidher biss iċ-ċinturin ta' fuq il-ħoġor

Anness 6 — Appendiċi 2

Dispożizzjonijiet dwar l-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX li jħarsu 'l quddiem u li jħarsu lura tal-kategoriji universali u semiuniversali installati f'pożizzjonijiet ISOFIX jew i-Size

1. Ġenerali

1.1. Il-proċedura tat-test u r-rekwiżiti f'dan l-appendiċi għandhom jintużaw biex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tal-pożizzjonijiet ISOFIX tas-sit għall-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ISOFIX tal-kategoriji universali u semi universali, kif ukoll biex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tal-pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size għall-istallazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size.

1.2. Sistema tat-trażżin għat-tfal tal-kategorija universali tfisser trażżin għat-tfal approvat għall-kategorija "universali" tar-Regolament tan-NU Nru 44, Supplement 5 tas-serje ta' emendi 03 (jew emendi sussegwenti). Il-pożizzjonijiet bilqiegħda, li huma indikati mill-manifattur tal-vettura bħala xierqa għall-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal tal-kategorija universali, għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 1 ta' dan l-anness.

2. Proċedura tat-test

Il-pożizzjonijiet ISOFIX fil-vettura, definiti mill-manifattur tal-vettura għandhom jiġu ċċekkjati sabiex jiġi żgurat li s-CRF elenkati fil-paragrafu 4. ta' dan l-Appendiċi jkunu jistgħu jiġu akkomodati. Fejn manifattur tal-vetturi jkun indika li l-pożizzjoni(jiet) ISOFIX takkomoda/jakkomodaw CRF partikolari, għandu jiġi preżunt li CRFs iżgħar tal-istess orjentament jistgħu jiġu akkomodati wkoll.

Il-pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size, definiti mill-manifattur tal-vettura, għandhom jiġu ċċekkjati biex jiġi żgurat li jkun possibbli jiġu akkomodati kemm il-fixtures tat-trażżin għat-tfal ISO/R2 kif ukoll l-ISO/F2X (ara l-paragrafu 4. ta' dan l-Anness), inkluż il-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni ta' riġel ta' appoġġ i-Size.

Kemm għall-pożizzjoni(jiet) ISOFIX u i-Size, għandha tapplika l-proċedura li ġejja:

2.1. Meta jkun qed jiġi ċċekkjat CRF fuq sit, bil-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size inkella mingħajru, dan is-sit jista' jiġi aġġustat longitudinalment sal-iktar pożizzjoni lura tiegħu u l-iktar pożizzjoni baxxa tiegħu.

2.2. Aġġusta l-angolu tad-dahar tas-sit sal-pożizzjoni tad-disinn tal-manifattur u t-trażżin tar-ras fl-iktar pożizzjoni baxxa u lura. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni, għandu jintuża angolu tad-dahar tas-sit li jikkorrispondi ma' angolu tat-torsi ta' 25° mal-vertikal, jew mill-eqreb pożizzjoni fissa tad-dahar tas-sit.

Meta jiġi ċċekkjat CRF fuq sit ta' wara, bil-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size inkella mingħajru, is-sit tal-vettura li jinsab quddiem dan is-sit ta' wara jista' jiġi aġġustat longitudinalment 'il quddiem iżda mhux iktar mill-pożizzjoni tan-nofs bejn il-pożizzjonijiet l-iktar 'il quddiem u l-iktar lura. L-angolu tad-dahar tas-sit jista' jiġi aġġustat ukoll, iżda mhux għal angolu iktar wieqaf minn angolu li jikkorrispondi għal angolu tat-torso ta' 15°.

2.3. Qiegħed biċċa drapp tal-qoton fuq id-dahar tas-sit u fuq il-kuxxin.

2.4. Qiegħed is-CRF, bil-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size inkella mingħajru, fuq il-pożizzjoni ISOFIX jew i-Size.

2.5. Imbotta, lejn is-sistema ta' ankraġġi ISOFIX, fiċ-ċentru bejn l-ankraġġi ISOFIX b'forza ta' 100 N ± 10 N, applikata parallelment għas-superfiċje t'isfel, u neħħi l-forza.

2.6. Qabbad is-CRF, bil-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size inkella mingħajru, mas-sistema ta' ankraġġi ISOFIX.

2.7. Imbotta b'mod vertikali 'l isfel fuq iċ-ċentru tas-superfiċe ta' fuq tal-fixture b'forza ta' 100 N ± 10 N, u neħħi l-forza.

3. Rekwiżiti

Il-kundizzjonijiet tat-testjar li ġejjin japplikaw biss għas-CRF(s), bil-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size inkella mingħajru, meta dawn jiġu akkomodati fil-pożizzjoni ISOFIX u/jew i-Size. Mhux meħtieġ li s-CRF(s) bil-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size inkella mingħajru, għandhom ikunu jistgħu jiċċaqilqu 'l ġewwa u 'l barra mill-pożizzjoni ISOFIX u/jew i-Size f'dawn il-kundizzjonijiet.

3.1. Għandu jkun possibbli li s-CRF(s) bil-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size inkella mingħajru, jiġu akkomodati mingħajr interferenza mill-ġewwieni tal-vettura. Il-bażi tas-CRF għandu jkollu angolu tal-pitch ta' 15° ± 10°, fuq il-pjan orizzontali li jgħaddi mis-sistema ta' ankraġġi ISOFIX. Il-konnessjonijiet ISOFIX, skont id-dettall Y tal-Illustrazzjoni 1 sa 9, jistgħu jiġu aġġustati lonġitudinalment bejn – 10 mm sa + 70 mm biex jiġi ffaċilitat iċ-ċekkjar tal-interferenza. L-illustrazzjonijiet juru l-aktar pożizzjonijiet estiżi.

3.2. L-ankraġġ tal-irbit ta' fuq ISOFIX, jekk ikun hemm, għandu jibqa' aċċessibbli.

3.3. Jekk ir-rekwiżiti ta' hawn fuq ma jiġux sodisfatti bl-aġġustamenti indikati fil-paragrafu 2. hawn fuq, is-sitijiet, id-dhur tas-sitijiet, it-trażżiniet tar-ras jistgħu jiġu aġġustati għall-pożizzjonijiet alternattivi dežinjati mill-manifattur għall-użu normali u mbagħad il-proċedura ta' installazzjoni għandha tiġi ripetuta u r-rekwiżiti verifikati u sodisfatti. Dawn il-pożizzjonijiet alternattivi għandhom jiġu deskritti fil-manwal tal-vettura u bl-informazzjoni addizzjonali speċifikata fl-Appendiċi 3 ta' dan l-anness. Is-sits tal-passiġġieri quddiem pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size jistgħu jiġu spostati wkoll għal pożizzjoni li tkun 'il quddiem mill-pożizzjoni normali tal-użu. F'dawn il-każijiet, il-manifattur tal-vettura għandu jipprovdi informazzjoni fil-manwal tal-vettura li s-sit tal-passiġġier rilevanti ma għandux jintuża f'dawn il-pożizzjonijiet ta' spostament.

3.4. F'każ li r-rekwiżiti ta' hawn fuq ma jiġux sodisfati meta jkun hemm preżenti xi fittings tal-ġewwieni li jistgħu jitneħħew, dawn il-fittings għandhom jitneħħew u mbagħad, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3. għandhom jiġu verifikati għal darb'oħra u sodisfati. F'każ bħal dan, l-informazzjoni korrispondenti għandha tiġi inkluża fit-tabella 1 tal-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

4. Fixtures tal-envelopp tad-daqs tas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX:

— ISO/F3: CRS b'għoli sħiħ tħares 'il quddiem għal trabi li telqu jimxu

— ISO/F2: CRS b'għoli mnaqqas tħares 'il quddiem għal trabi li telqu jimxu

— ISO/F2X: CRS b'għoli mnaqqas tħares 'il quddiem għal trabi li telqu jimxu

— ISO/R3: CRS b'daqs sħiħ tħares lura għal trabi li telqu jimxu

— ISO/R2: CRS b'daqs imnaqqas tħares lura għal trabi li telqu jimxu

— ISO/R2X: CRS b'daqs imnaqqas tħares lura għal trabi li telqu jimxu

— ISO/R1: CRS għat-trabi, li tħares lura

— ISO/L1: CRS f'pożizzjoni li tħares lateralment lejn ix-xellug (carrycot)

— ISO/L2: CRS f'pożizzjoni li tħares lateralment lejn il-lemin (carrycot)

Il-fixtures ta' hawn fuq għandu jkollhom massa ta' bejn 10 kg u/jew 13 kg +/– 1 kg u jkunu b'durabbiltà u ebusija xierqa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti funzjonali, skont it-tabella hawn taħt:


CRF	Massa (kg)	Tolleranza (kg)
R1 [a]	10	± 1
R2 / R2X [a]	10	± 1
R3	13	± 1
L1 / L2	13	± 1
F2 / F2X [a]	13	± 1
F3	13	± 1

[a] Titqies il-massa tal-bażi tal-ISOFIX.

4.1. Envelopp ta’ sistemi tat-trażżin għat-tfal b’għoli sħiħ li jħarsu ’l quddiem għal trabi li telqu jimxu

Illustrazzjoni 1

Dimensjonijiet tal-envelopp ISO/F3 għal CRSs b’għoli massimu għat-tfal żgħar li jħarsu ’l quddiem (għoli 720 mm) KLASSI TAD-DAQS TAL-ISOFIX A



Id-dimensjonijiet kollha huma f’mm

Kjavi:

1 Limiti fid-direzzjonijiet ’il quddiem u ’l fuq

2 Il-linji ta’ singijiet jimmarkaw l-erja fejn ir-riġel ta’ appoġġ titħalla tisporġi ’l barra


3 M/A

4 Aktar speċifikazzjonijiet taż-żona tal-konnettur huma mogħtija fir-Regolament tan-NU Nru 44/fir-Regolament tan-NU Nru 129

4.2. Envelopp ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal b'għoli mnaqqas li jħarsu 'l quddiem għal trabi li telqu jimxu

Illustrazzjoni 2

ISO/F2 dimensjonijiet tal-envelopp għal CRS b'għoli mnaqqas li tħares 'il quddiem għal trabi li telqu jimxu (għoli 650 mm) — KLASSI TAD-DAQS ISOFIX B



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Kjavi:

1 Limiti fid-direzzjonijiet 'il quddiem u 'l fuq

2 Il-linji ta' singijiet jimmarkaw l-erja fejn ir-riġel ta' appoġġ titħalla tisporġi 'l barra.

3 M/A


4 Aktar speċifikazzjonijiet taż-żona tal-konnettur huma mogħtija fir-Regolament tan-NU Nru 44/fir-Regolament tan-NU Nru 129

5 Punt ta' konnessjoni għaċ-ċinga tal-irbit ta' fuq

4.3. Envelopp ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal b'għoli mnaqqas li jħarsu 'l quddiem għal trabi li telqu jimxu b'forma tad-dahar tat-tieni verżjoni

Illustrazzjoni 3

Dimensjonijiet tal-envelopp ISO/F2X għal CRS b'għoli mnaqqas li tħares 'il quddiem għal trabi li telqu jimxu b'forma tas-superfiċe tad-dahar tat-tieni verżjoni (għoli 650 mm) KLASSI TAD-DAQS ISOFIX B1



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Kjavi:

1 Limiti fid-direzzjonijiet 'il quddiem u 'l fuq

2 Il-linji ta' singijiet jimmarkaw l-erja fejn ir-riġel ta' appoġġ titħalla tisporġi 'l barra


3 M/A

4 Aktar speċifikazzjonijiet taż-żona tal-konnettur huma mogħtija fir-Regolament tan-NU Nru 44/fir-Regolament tan-NU Nru 129

4.4. Envelopp ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal ta' daqs normali li jħarsu lura għal trabi li telqu jimxu

Illustrazzjoni 4

ISO/R3 dimensjonijiet tal-envelopp għal CRSs b'daqs normali li jħarsu lura għal trabi li telqu jimxu KLASSI TAD-DAQS ISOFIX C



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Kjavi:

1 Limiti fid-direzzjonijiet lura u 'l fuq

2 Il-linji ta' singijiet jimmarkaw l-erja fejn ir-riġel ta' appoġġ titħalla tisporġi 'l barra


3 Il-limitazzjoni lura (fuq il-lemin tal-illustrazzjoni) tingħata mill-envelopp li jħares 'il quddiem envelopp fl-Illustrazzjoni 2

4 Aktar speċifikazzjonijiet taż-żona tal-konnettur huma mogħtija fir-Regolament tan-NU Nru 44/fir-Regolament tan-NU Nru 129

4.5. Envelopp ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal b'daqs imnaqqas li tħares lura għal trabi li telqu jimxu

Illustrazzjoni 5

Dimensjonijiet tal-envelopp ISO/R2 għal CRS b'daqs imnaqqas li tħares lura għal ISOFIX CRS SIZE CLASS D għat-tfal żgħar



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Kjavi:

1 Limiti fid-direzzjonijiet lura u 'l fuq

2 Il-linji ta' singijiet jimmarkaw l-erja fejn ir-riġel ta' appoġġ, jew struttura simili, tas-CRS ta' vettura speċifika, titħalla tisporġi 'il barra.


3 Il-limitazzjoni lura (fuq il-lemin tal-illustrazzjoni) tingħata mill-envelopp li jħares 'il quddiem envelopp fl-Illustrazzjoni 2

4 Aktar speċifikazzjonijiet taż-żona tal-konnettur huma mogħtija fir-Regolament tan-NU Nru 44/ir-Regolament tan-NU Nru 129

4.6. Envelopp tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal żgħar li jħarsu lura

Illustrazzjoni 6

Dimensjonijiet tal-envelopp ISO/R1 għal CRS għat-trabi żgħar li tħares lura - KLASSI TAD-DAQS ISOFIX E



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Kjavi:

1 Limiti fid-direzzjonijiet lura u 'l fuq

2 Il-linji ta' singijiet jimmarkaw l-erja fejn ir-riġel ta' appoġġ titħalla tisporġi 'l barra


3 Il-limitazzjoni lura (fuq il-lemin tal-illustrazzjoni) tingħata mill-envelopp li jħares 'il quddiem envelopp fl-Illustrazzjoni 2

4 Aktar speċifikazzjonijiet taż-żona tal-konnettur huma mogħtija fir-Regolament tan-NU Nru 44/ir-Regolament tan-NU Nru 129

4.7. Envelopp ta' sistema tat-trażżin għat-tfal li tħares lura għal trabi li telqu jimxu

Illustrazzjoni 7

Dimensjonijiet tal-envelopp ISO/R2X għal CRS b'Daqs Imnaqqas li Tħares Lura għal trabi li telqu jimxu, modifikata għal kompatibbiltà mtejba mal-parti ta' ġewwa tal-vettura



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Didaskalija

1 Limiti fid-direzzjonijiet lura u 'l fuq

2 Il-linji bis-singijiet jimmarkaw l-erja fejn apparat antirotazzjoni jew apparat simili, (eż. rebound bar), titħalla tisporġi 'l barra

3 Il-limitazzjoni lura (fuq il-lemin tal-illustrazzjoni) tingħata mill-envelopp li jħares 'il quddiem fl-Illustrazzjoni 2


4 Għal aktar speċifikazzjonijiet taż-żona tal-konnettur, ara r-Regolament tan-NU Nru 44/ir-Regolament tan-NU Nru 129

4.8. Envelopp tas-sistemi tat-trażżin għat-tfal li jħarsu lateralment

Illustrazzjoni 8

Dimensjonijiet tal-envelopp għal CRS f'pożizzjoni li jħarsu lateralment — ISO/L1 — jew faċċata tagħha simettrikament — ISO/L2 (murija fl-Illustrazzjoni)

Nota: L-envelopp għal CRS (ISO/L1) għal trabi li jħares la ġenba fuq ix-xellug għandu dimensjonijiet simetriċi għal ISO/L2 fir-rigward tal-pjan longitudinali intermedju.



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Didaskalija

1 Limiti fid-direzzjonijiet lura u 'l fuq


2 Il-linji bis-singijiet jimmarkaw l-erja fejn apparat antirotazzjoni jew apparat simili, (eż. rebound bar), titħalla tisporġi 'l barra

3 Għal aktar speċifikazzjonijiet taż-żona tal-konnettur, ara r-Regolament tan-NU Nru 44/ir-Regolament tan-NU Nru 129

4.9. Riġel ta' appoġġ i-Size

Illustrazzjoni 9

Ħarsa mill-ġenb tal-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size bis-saqajn ta' appoġġ ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Kjavi:


1. Fixture tat-Trażżin għat-Tfal (CRF)
2. Żbarra tal-ankraġġi baxxi ISOFIX
3. Il-pjan furmat mis-superfiċe ta' taħt tas-CRF, meta jkun installat fil-pożizzjoni bilqiegħda dežinjata
4. Pjan li jgħaddi mill-iżbarra tal-ankraġġ ta' isfel u orjentat perpendikolarment għall-pjan longitudinali medjan tas-CRF u perpendikolari għall-pjan furmat mis-superfiċe ta' isfel tas-CRF meta installat fil-pożizzjoni bilqiegħda dežinjata
5. Volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size li jirrappreżenta l-konfini ġeometriċi għal riġel ta' appoġġ għas-sistema tat-trażżin għat-tfal ISOFIX i-Size.
6. L-art tal-vettura

Nota: Id-disinn mhuwiex fi skala proporzjonali.

4.10. Volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size

Illustrazzjoni 10

Perspettiva 3D tal-volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size bl-irġul ta' appoġġ ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal i-Size



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Kjavi:

1. Fixture tat-Trażżin għat-Tfal (CRF)
2. Żbarra tal-ankraġġi baxxi ISOFIX
3. Pjan longitudinali medjan tas-CRF
4. Volum ta' valutazzjoni għall-installazzjoni tar-riġel ta' appoġġ i-Size

Nota: Id-disinn mhuwiex fi skala proporzjonali.

Anness 6 – Appendiċi 3

Eżempju tal-informazzjoni dettaljata eż. għall-manifatturi tas-sistema tat-trażżin tat-tfal

Tabella 1

Informazzjoni Teknika Speċifikament għal eż. Manifatturi tas-Sistema tat-Trażżin għat-Tfal

(u bħala tali, ma hijiex meħtieġa traduzzjoni bil-lingwi nazzjonali)

	Pożizzjoni bilqiegħda								
Numru tal-pożizzjoni tas-sit	1	2	3	4	5	6	7	8	9
Il-pożizzjoni bilqiegħda hija xierqa għal ċinturin universali (iva/le)									
pożizzjoni bilqiegħda i-Size (iva/le)									
Pożizzjoni bilqiegħa xierqa għal fixture laterali (L1/ L2)									
L-akbar fixture xierqa li tħares lura (R1/ R2X/ R2/ R3)									
L-akbar fixture xierqa li tħares 'il quddiem (F2X/ F2/ F3)									
L-akbar fixture xierqa għal booster (B2/B3)									

1. Żid l-informazzjoni għal kull pożizzjoni bilqiegħda li mhix i-Size, kompatibbli b'riġel ta' appoġġ, kif deskritta f'dan ir-regolament.
2. Żid l-informazzjoni għal kull pożizzjoni mgħammra b'ankraġġi ISOFIX ta' isfel iżda mingħajr iċ-ċinga tal-irbit ta' fuq skont dan ir-Regolament.
3. Żid l-informazzjoni jekk il-bokkli taċ-ċinturini tas-sikurezza għall-adulti jinsabu lateralment bejn iż-żewġ ankraġġi t'isfel tal-ISOFIX.
4. Żid informazzjoni fejn kwalunkwe pożizzjoni bilqiegħda tiġi pprovduta b'ankraġġi tal-irbit ta' isfel u/jew bi brackets tal-irbit ta' isfel u/jew f'każ li l-ankraġġ tal-irbit ta' fuq tas-sit ta' quddiem (jekk disponibbli) jista' jintuża bħala LTA.

Nota:

1. L-orjentazzjoni hija d-direzzjoni normali tas-sewqan; il-kolonni għal pożizzjonijiet bilqiegħda li mhux disponsibbli fil-vettura jistgħu jitħassru.
2. In-numerazzjoni tal-pożizzjonijiet bilqiegħda għandha ssir abbażi tad-definizzjoni li ġejja:

Numru tas-sit	Pożizzjoni fil-vettura
1	Quddiem fuq ix-xellug
2	Quddiem fiċ-ċentru
3	Quddiem fuq il-lemin
4	It-tieni ringiela fuq ix-xellug
5	It-tieni ringiela fiċ-ċentru
6	It-tieni ringiela fuq il-lemin
7	It-tielet ringiela fuq ix-xellug
8	It-tielet ringiela fiċ-ċentru
9	It-tielet ringiela fuq il-lemin

L-informazzjoni dwar in-numru tal-pożizzjoni tas-sit tista' tingħata permezz ta' tabella inkella permezz ta' tpinġijiet jew pittogrammi.

Anness 6 – Appendiċi 4

Installazzjoni ta' manikin ta' daqs ta' 10 snin

(a) Aġġusta s-sit għall-pożizzjoni għalkollox lura u l-aktar baxxa.

(b) Aġġusta l-għoli tas-sit skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni, aġġusta s-sit għall-pożizzjoni l-aktar baxxa.

(c) Aġġusta l-angolu tad-dahar tas-sit għall-pożizzjoni tad-disinn tal-manifattur. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni, jenħtieġ li jintuża angolu ta' 25 grad mill-vertikali, jew l-eqreb pożizzjoni fissa tad-dahar tas-sit.

(d) Iffissa l-ankraġġ tal-ispalla għall-aktar pożizzjoni baxxa.

(e) Aġġusta l-manikin fis-sit u żgura li l-pelvi jkun f'kuntatt mad-dahar tas-sit.

(f) Il-pjan lonġitudinali li jgħaddi mil-linja ċentrali tal-manikin ikun fuq il-linja ċentrali apparenti tal-pożizzjoni bilqiegħda.

Anness 6 — Appendiċi 5

Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-installazzjoni ta' sistemi tat-trażżin għat-tfal fuq booster seat li jħarsu 'l quddiem i-Size u ta' kategoriji speċifiċi installati f'pożizzjonijiet bilqiegħda fil-vettura jew pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size

1. Ġenerali

1.1. Il-proċedura tat-test u r-rekwiżiti f'dan l-appendiċi għandhom jintużaw sabiex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tal-pożizzjoni bilqiegħda għall-installazzjoni tal-fixtures tal-booster seats ISO/B2 jew ISO/B3, mingħajr konnessjonijiet ISOFIX. Fejn manifattur tal-vetturi jkun indika li l-pożizzjoni(jiet) fil-vettura takkomoda/jakkomodaw CRF partikolari, għandu jiġi preżunt li CRFs iżgħar tal-istess orjentament jiġu akkomodati wkoll.

1.2. It-testijiet jistgħu jitwettqu fil-vettura jew f'parti rappreżentattiva tal-vettura. Prova tal-konformità ma' dan ir-rekwiżit tista' tingħata permezz ta' test fiżiku jew simulazzjoni kompjuterizzata jew tpinġijiet rapreżentattivi.

2. Proċedura tat-test

Il-pożizzjonijiet i-Size fil-vettura, definiti mill-manifattur tal-vettura għandhom jiġu ċċekkjati sabiex jiġi żgurat li l-fixture ISO/B2 fil-paragrafu 4. ta' dan l-Appendiċi tista' tiġi akkomodata, tal-anqas mingħajr konnessjonijiet ISOFIX.

2.1. Aġġusta s-sit għall-pożizzjoni għalkollox lura u l-aktar baxxa.

2.2. Aġġusta l-angolu tad-dahar tas-sit għall-pożizzjoni tad-disinn tal-manifattur. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni, jenħtieġ li jintuża angolu tat-torso ta' 25 grad mill-vertikali, jew l-eqreb pożizzjoni fissa tad-dahar tas-sit.

2.3. Meta jiġi ċċekkjat CRF fuq sit ta' wara, is-sit tal-vettura li jinsab quddiem dan is-sit ta' wara jista' jiġi aġġustat lonġitudinalment 'il quddiem iżda mhux iktar mill-pożizzjoni tan-nofs bejn il-pożizzjonijiet l-iktar 'il quddiem u l-iktar lura. L-angolu tad-dahar tas-sit jista' jiġi aġġustat ukoll, iżda mhux għal angolu iktar wieqaf minn angolu li jikkorrispondi għal angolu tat-torso ta' 15°. Jekk is-sit ta' quddiem jista' jiġi aġġustat għall-għoli, aġġustah skont l-ispeċifikazzjoni tal-manifattur. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe speċifikazzjoni, aġġusta s-sit ta' quddiem għall-pożizzjoni tal-għoli tan-nofs, inkella l-eqreb pożizzjoni possibbli.

2.4. Jekk ikun meħtieġ, it-trażżin tar-ras jistgħu jiġu aġġustati jew imneħħija, jekk dan ikun possibbli.

2.5. L-ankraġġ tal-ispalla għandu jiġi ffisssat għall-pożizzjoni ddefinita mill-manifattur tal-vettura.

2.6. Qiegħed biċċiet tad-drapp tal-qoton fuq id-dahar tas-sit u fuq il-kuxxin.

2.7. Neħħi l-konnessjonijiet ISOFIX mis-CRF, jew iġbidhom lura għal pożizzjoni fejn ikunu kompletament ġewwa l-linja tas-sit ta' wara (linja ta' referenza E, Illustrazzjoni 2 jew 3).

2.8. Qiegħed il-fixture (kif deskritt fl-Illustrazzjoni 2 jew 3 ta' dan l-Appendiċi) fuq is-sit tal-vettura. Il-parti ta' fuq tal-fixture tista' tmiss is-saqaf tal-vettura. Il-kompressjoni tal-kuxxin tas-sit hija permessa biex il-fixture tiġi mċaqilqa għall-pożizzjoni meħtieġa.

2.9. Għaddi ċ-ċinturin tas-sikurezza minn ġewwa s-CRF, f'bejn wieħed u ieħor il-pożizzjoni korretta, imbagħad aqfel il-bokkla. Żgura ruħek li l-partijiet laxki kollha taċ-ċineg jitneħħew. Il-fixture għandha tkun imrażżna miċ-ċinturin tas-sikurezza tal-vettura.

2.10. Żgura ruħek li l-fixture ikollha l-linja ċentrali fuq il-linja ċentrali apparenti tal-pożizzjoni bilqiegħda ± 25 mm tal-linja ċentrali parallela ma' dik tas-sit tal-vettura. L-angolu tar-rolljar α (ara l-Illustrazzjoni 1) għandu jkun bejn 0° ± 5°

2.11. Imbotta lura fuq iċ-ċentru tal-parti ta' quddiem tal-fixture b'forza ta' 100 N ± 10 N, applikata b'mod parallel għas-superfiċe t'isfel, u neħħi l-forza.

2.12. Fejn possibbli, imbotta b'mod vertikali 'l isfel fuq iċ-ċentru tas-superfiċe ta' fuq tal-fixture b'forza ta' 100 N ± 10 N, u neħħi l-forza.

3. Rekwiżiti

3.1. Għandu jkun possibbli l-fixture jintrabat fil-pożizzjoni bilqiegħda permezz taċ-ċinturin tas-sikurezza bi tliet punti u li ċ-ċinturin tas-sikurezza jinqafel.

3.2. L-angolu tar-rolljar α muri fl-Illustrazzjoni 1 għandu jkun 5° jew inqas.

3.3. Il-bażi tal-fixture għandha tkun f'kuntatt mal-kuxxin tas-sit u l-wiċċ ta' wara tal-fixture għandha tkun f'kuntatt mad-dahar tas-sit jew mat-trażżin tar-ras. Kuntatt sħiħ mas-sit mhux meħtieġ, u istanzi ta' "vojt" minħabba l-forma tas-sits tal-vettura huma permessi, kif juru l-vleġeġ fl-Illustrazzjoni 1. L-envelopp tal-booster seat huwa mgħammar b'dahar aġġustabbli. Il-kompatibbiltà mal-pożizzjoni bilqiegħda fil-vettura għandha tinkiseb f'tal-anqas pożizzjoni waħda minn dawk kollha possibbli għad-dahar tas-sit, kif jidher fl-Illustrazzjoni 2 jew l-Illustrazzjoni 3.

3.4. Jekk ir-rekwiżit ta' hawn fuq ma jiġux ssodisfati bl-aġġustamenti indikati fil-paragrafi 2.1. sa 2.12. hawn fuq, l-ankraġġi tas-sit, tad-dahar tas-sit u taċ-ċinturin tas-sigurtà jistgħu jiġu aġġustati għal pożizzjoni alternattiva dežinjati mill-manifattur għal użu normali fejn il-proċedura tal-installazzjoni ta' aktar 'il fuq għandha tiġi ripetuta, u r-rekwiżiti vverifikati u ssodisfati għal darba oħra. Din il-pożizzjoni alternattiva għandha tiġi deskritta skont il-paragrafu 1.1. tal-Anness 6 u fl-informazzjoni teknika dettaljata speċifikata fl-Appendiċi 3.

4. Fixtures għal sistemi tat-trażżin tat-tfal fil-forma ta' booster seat:


(a) ISO/B2: Booster seat b'wisa' mnaqqas 440 mm (Illustrazzjoni 2)

(b) ISO/B3: booster seat b'wisa' normali ta' 520 mm (Illustrazzjoni 3)

Il-fixtures ta' hawn fuq għandu jkollhom massa ta' 7 kg +/- 1 kg u jkollhom durabbiltà u ebusija xierqa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti funzjonali.


Illustrazzjoni 1

Pożizzjonament fis-sit



Illustrazzjoni 2

ISO/B2: Id-dimensjonijiet tal-envelopp għall-booster seat b'wisa' mnaqqas ta' 440 mm — mingħajr ISOFIX, jew bil-konnetturi mneħħija jew stivati fl-istruttura tal-fixture (wara l-linja E, kif definita fid-dettall B)



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm


Didaskalija

1. "E" hija l-fus ta' referenza tar-rotazzjoni tad-dahar tas-sit (90° sa 110°) u l-linja ta' referenza għall-irtirar/stivar tal-ISOFIX

2. Il-linji ta' singijiet jimmarkaw l-erja fejn apparat antirotazzjoni jew apparat simili, jitħalla jisporġi 'l barra.

Illustrazzjoni 3

ISO/B3 — Id-dimensjonijiet tal-envelopp għall-booster seat b'wisa' normali ta' 520 mm - mingħajr ISOFIX, jew bil-konnetturi mneħħija jew maħżuna fl-istruttura tal-fixture (wara l-linja E, kif definita fid-dettall B)



Id-dimensjonijiet kollha huma f'mm

Didaskalija

1. E hija l-fus ta' referenza tar-rotazzjoni tad-dahar tas-sit (90° sa 110°) u l-linja ta' referenza għall- irtirar/stivar tal-ISOFIX
2. Il-linji ta' singijiet jimmarkaw l-erja fejn apparat antirotazzjoni jew apparat simili, jitħalla jisporġi 'l barra.

ANNESS 7

Metodu tensili ta' ttestjar tal-assemblaġġ taċ-ċinga tal-bokkla

1. Ġenerali

1.1. Il-proċedura tat-test f'dan l-anness għandha tintuża għat-test tensili tal-assemblaġġ taċ-ċinga tal-bokkla deskritt fil-paragrafu 5.2.3.2. ta' dan ir-Regolament.

2. Proċedura tat-test

2.1. Waħħal il-bracket tal-assemblaġġ taċ-ċinga tal-bokkla li kienet imwaħħla mal-ankraġġ tal-vettura mal-parti t'isfel tal-magna tal-ittestjar tensili.

2.2. Waħħal il-bokkla f'pożizzjoni fuq il-linja tat-tagħbija tal-magna tal-ittestjar tensili, b'tali mod li d-distanza bejn il-punt tal-bokkla u l-punt EA tkun l-istess bħad-distanza lineari bejn il-punt EA u l-punt Bd deskritta fil-paragrafu 5.2.3.1. ta' dan ir-Regolament.

2.3. Waħħal l-ilsien mal-bokkla u ssettja ċ-ċinturin tal-ilsien mal-parti ta' fuq tal-magna tal-ittestjar tensili. It-tensjoni fuq iċ-ċinturin tal-ilsien hija 4 ± 3 N. Wara dan, il-bokkla tiġi rilaxxata.

2.4. Wettaq test tensili u kejjel it-tagħbija u l-moviment tal-bokkla.